# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Is-SITTIN Sena 1945 - 2005

Frar 2005 IL-LEĦEN TA' L-GĦAWDXIN Nru. 866



# Prodott Ġdid Għawdxi: ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA





Intervista p. 12



TOROQ ĠODDA? p. 10



Il-ħxuna fit-tfal p. 38



Il-Belveder tal-Qala p. 30



Bdejna r-Randan!

L-INDIEMA FIL-BIBBJA p. 36


Kampanja
ta' Sagrifiċċji
matul ir-Randan
"Kull ma għamiltu
ma' l-iżgħar fost dawn ħuti,
għamiltuh miegħi"
(Mt 25, 40)
CARITAS
GHAWDEX

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 866***
***Frar 2005***
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa*
*fit-28 ta' Jannar 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba*
*m'humiex neċessarjament dawk*
*tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
"Status Quo" • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista :
Żejt taż-Żebbuġa u Limonċell Għawdxi • 12
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna:
La tagħmilha man-nies! •16
Mill-Knisja fid-Dinja •18
Versi Riflessivi •19
ACM: L-Erba' Sfidi ta' Żmienna •20
Ktieb x'Taqra:
"Kitbiet mid-Deżert" • 22
Għawdex 300 sena ilu :
Dawra mat-Torri ta' Mgarr ix-Xini • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim tal-Katekiżmu (34):
It-Trinità Qaddisa (4) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (33) • 26
Tieqa fuq l-Ambjent Għawdxi (2): Il-Belveder •30
Xhieda Nisranija: Ġużeppa Debono (2) •32
Fehmet il-Qarrejja • 33
Għawdxin li għadna niftakru (22) -
Tunoj tal-Mozz • 34
Passiġġata Biblika- 4 • 36
Int u saħħtek • 38
Ħolm il-Ħajja •40
Bejnietna n-Nisa •41
Ġenn id-Dinja • 42





# *Il-Ħila ta' l-Għawdxin*

*Il-kunċett ta' Għawdex bħala reġjun, fil-kuntest tas-sħubija ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropeja, bla dubju ta' xejn joffri opportunitajiet ġodda u varji lill-gżira tagħna ta' Għawdex u lill-Għawdxin in ġenerali. L-aċċettazzjoni tar-reġjonalità ta' Għawdex seħħet wara li ġew evalwati bir-reqqa kollha d-differenzi, d-diffikultajiet u l-iżvantaġġi distinti li Għawdex isofri minnhom meta pparagunat ma' Malta. Allura t-trattament ta' l-Unjoni Ewropeja ma' Għawdex bħala reġjun għandu b'xi mod jikkumpensa dawn l-iżvantaġġi li huma kkawżati mill-insularità doppja ta' gżiritna.*

*F'dan ir-rigward huwa interessanti ħafna dak li għadu kemm ġie ppubblikat riċentement mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika f'rabta ma' dan il-kunċett tar-reġjonalità. L-istatistika ppubblikata minn din l-enti governattiva titfa dawl fuq id-diversi differenzi li jeżistu bejn iż-żewġ gżejjer (ara l-aħħar ħarġa tar-rivista tagħna, p.9).*

*Wieħed mill-aspetti importanti li joħroġu minn dan l-istudju hu, li minkejja d-diffikultajiet akbar li jiffaċċja Għawdex bħala gżira, kemm f'dik li hija ekonomija, kif ukoll f' dak li huwa kummerċ, inkwantu t-traġitt li huwa kkawżat prinċipalment mill-iżolament ta' gżiritna mill-gżira prinċipali ta' Malta, l-Għawdxin, b'għaqal u bżulija, jirnexxielhom jissuperaw dawn id-diffikultajiet u jpoġġu lilhom infushom f'qagħda li forsi ma tirriflettix l-iżvantaġġi msemmija. Eżempju wieħed ta' dan huwa l-persentaġġ qawwi ta' Għawdxin li jgħixu fid-dar privata tagħhom li hu ta' 94.9 fil-mija, meta mqabbel mal-figura nazzjonali ta' 77.6 fil-mija. Dan joħroġ ċar ukoll meta wieħed jikkunsidra l-fatt li 23.5 fil-mija ta' l-Għawdxin jippossiedu dar oħra barra dik fejn jgħixu, filwaqt li f' Malta din il-figura hija biss ta' 10.9 fil-mija.*

*Uħud, wara li rriflettew fuq din l-istatistika stqarrew jew urew id-dubji tagħhom inkwantu l-iżvantaġġi ta' l-Għawdxin fil-kuntest tal-kisba tar-reġjonalità ta' Għawdex. Għaldaqstant naħseb li tali ġudizzji jkunu qed iħallu barra għal kollox ir-realtà ta' l-isforz doppju ta' l-Għawdxin biex jirnexxielhom jaslu fejn ħaddieħor jista' jasal b' inqas tbatija. Insemmu biss ir-realtà iebsa ta' l-istudenti universitarji għawdxin u l-ħaddiema Għawdxin li jaħdmu Malta u li ta' kuljum iridu jbakkru sew qabel ħaddieħor u jaqsmu l-baħar bil-kundizzjonijiet tiegħu biex jaslu fil-ħin fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u naturalment wara ġurnata xogħol il-biċċa l-kbira tagħhom ikunu kostretti jagħmlu l-istess traġitt lura lejn darhom.*

*Dak li aħna sejjaħnielu l-isforz doppju tagħna ta' l-Għawdxin, ikkaratterizzat mill-għaqal u l-bżulija li minn dejjem il-poplu tagħna kien magħruf għalihom, huwa l-fattur prinċipali tas-suċċess ta' l-Għawdxin. Huwa fattur li ntagħġen sew fl-istil tal-ħajja għawdxija - fattur li wassal biex ħafna Għawdxin iddistingwew ruħhom u għamlu isem mhux biss għalihom u għall-gżira tat-tlett għoljiet, iżda wkoll għal pajjiżna in ġenerali. F'dan il-kuntest, minn dawn il-kolonni nsellmu b' ammirazzjoni u gratitudni lil dawk ħutna Għawdxin li servew fl-għola istituzzjonijiet ċivili u ekkleżjastiċi tal-gżejjer tagħna u f' istituzzjonijiet u karigi oħra f' pajjiżna, b' impenn u dedikazzjoni distinta.*

***Dun Ruben Micallef***

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



Minn Dun Renato Borg

## Laqgħa tal-Ko-operaturi tal-MUSEUM

Nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għamel laqgħa lill-Ko-operaturi tal-Museum. Din saret fil-Qasam tas-Subien ġewwa r-Rabat. Dawn il-Ko-operaturi jiltaqgħu regolarment flimkien, u kien f'waħda minn dawn il-laqgħat ta' kull ġimgħa, li huma stiednu lil Mons. Isqof. Ħafna minnhom huma rġiel li xi darba kienu jattendu l-Museum. Is-suġġett li dwaru tkellem Mons. Isqof kien 'il-Beatitudni'.

## Kawża ta' Beatifikazzjoni ta' l-Isqof Galea



Mons. Luigi Deguara, li hu l-viċi-postulatur tal-kawża tal-beatifikazzjoni tal-E. T. Mons. Isqof Emmanuel Galea, nhar il-Ġimgħa 7 ta' Jannar, kellu laqgħa mal-Isqof Cauchi. Fost l-oħrajn huma tkellmu dwar il-progress tal-proċess tal-kawża ta' dan l-Isqof. L-Isqof Galea twieled fl-Isla fl-10 ta' Marzu tal-1891. Fid-djoċesi hu ġie maħtur għal diversi karigi għoljin fosthom Vigarju Ġenerali. Hu dejjem qeda d-dmirijiet tiegħu bl-ikbar imħabba lejn Alla u lejn l-oħrajn. Hu kien wieħed minn dawk li taw is-sehem tagħhom fil-Konċilju Vatikan it-Tieni, kien bniedem ta' talb u devot kbir ta' Marija Santissima, u kien jgħaddi mumenti twal ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala isqof hu kien magħruf bħala appostlu tal-konfessjonarju. Hu inkoraġixxa talb għas-saċerdoti u lejl adorazzjoni ta'kull xahar għall-qdusija tagħhom.

## Kummissjoni Sanitarja Djoċesana

Nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, il-Kummissjoni Sanitarja Djoċesana għamlet laqgħa li fiha saru tħejjijiet għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġurnata tal-Morda li tiġi ċċelebrata fid-dinja kattolika nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar - l-ewwel dehra tal-Madonna ta' Lourdes. F'din il-laqgħa saru wkoll tħejjijiet għall-okkażjoni tal-*Hansen's Day* li tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Jannar.

## Librerija 'Dun Mikiel Attard' fis-Seminarju



Bħala radd il-ħajr għax-xogħol siewi li Dun Mikiel Attard, saċerdot eżemplari mill-parroċċa tan-Nadur li miet ftit tax-xhur ilu, għamel fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, ġie deċiż li l-Librerija Spiritwali, li minnha jinqdew is-Seminaristi li tant kienu għal qalbu, tiġi ddedikata għalih. Għal din l-okkażjoni li saret nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi qaddes quddiesa fil-kappella tas-Seminarju. Għaliha ġew mistiedna l-familjari ta' Dun Mikiel fosthom ħuh Dun Ġużepp Attard li jaħdem l-Italja. Fil-quddiesa kkonċelebraw fost l-oħrajn is-saċerdoti tas-Seminarju u Dun Ġużepp Attard. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem dwar l-importanza ta' kotba spiritwali fil-ħajja tagħna. Hu qal li l-ktieb tajjeb hu ħabib li ma jqarraq bik qatt. Wara, imbagħad, Dun Ġużepp ħareġ xi ftit punti importanti dwar il-ħajja ta' ħuh, kif ukoll sar ħsieb mid-Direttur Spiritwali tas-Seminarju dwar tagħlim prattiku mill-ħajja ta' Dun Mikiel. Il-laqgħa ntemmet billi ddendel ritratt ta' Dun Mikiel f'din il-librerija ġdida.

## Festa tas-Sagra Familja

Nhar il-Ħadd 16 ta' Jannar, fl-Isptar tal-Ibraġġ ġiet iċċelebrata il-festa tas-Sagra Familja. Għal din iċ-ċelebrazzjoni, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, mexxa konċelebrazzjoni fil-kappella tal-istess sptar. Wara l-Vanġelu, Mons. Isqof għamel omelija fejn semma xi dimensjonijiet tal-kelma 'familja'. Hu wera kif barra l-familja naturali tagħna hemm ukoll dik komunitarja u anki universali. Wara sar ukoll it-tberik tal-istatwa l-ġdida tas-Sagra Familja.

## Servizz Ekumeniku fix-Xagħra

Bħala parti mill-Ottava tal-Għaqda tal-Knejjes Insara fil-parroċċa tax-Xagħra sar Servizz Ekumeniku. Dan kien nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar. Għalih attendew insara minn diversi knejjes. Dan is-servizz tmexxa

mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Ġiovanni Bosco Gauci, Fr. Peter Wolfenden, Kappillan Anglikan ta' Malta u Għawdex, il-Kan. Ġiljan Refalo Rapa li bħalissa hu l-amministratur tal-Parroċċa tax-Xagħra u Fr. David Morris, tal-Unjoni tal-Knisja Skoċċiża u Metodista. Barra mit-talb komuni li sar, inqara l-messaġġ ta' Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi kif ukoll saret omelija minn Fr. David Morris.

### *Ftuħ tal-Missjoni l-Kbira f'San Lawrenz*

Din is-sena mess lill-parroċċa ta' San Lawrenz li tiċċelebra l-Missjoni l-Kbira. L-aħħar darba li saret il-Missjoni f'din il-parroċċa kien għaxar snin ilu. Nhar is-Sibt 22 ta' Jannar, sar il-ftuħ sollenni mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Fl-omelija tiegħu hu inqeda bil-Vanġelu biex saħaq li s-sejħa ta' Kristu "Indmu u emmnu għax is-Saltna t'Alla qegħda fostkom" hi s-sejħa li qed jagħmel partikolarment lil din il-parroċċa, biex b' qalb nadifa jilqgħu lil Kristu. Hu ħeġġeġ biex ikun hemm sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-priedki kollha li jsiru matul il-ħmistax -il ġurnata tal-Missjoni. Fuq kollox hu ħeġġeġ biex matul din is-Sena Ewkaristika nagħtu importanza lill-quddiesa ta' kuljum u speċjalment dik ta' Jum il-Mulej.

### *San Franġisk de Sales u l-Ġurnalisti*

Billi nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar ħabtet il-festa ta' San Franġisk de Sales li hu patrun tal-ġurnalisti, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi ċċelebra quddiesa fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fir-Rabat. Għaliha kien hemm preżenti diversi ġurnalisti kif ukoll saċerdoti li huma nvoluti fil-qasam tal-kitba. Waqt l-omelija Mons. Isqof ħeġġeġ ħafna biex il-ġurnalist ma jaqax f'xi wieħed miż-żewġ estremi li tant naraw fil-*media* ta' madwarna. Hu rrefera għall-ottimiżmu esaġerat li xi ġurnalisti juru li jista' jwassal għal illużjonijiet, kif ukoll għall-pessimiżmu esaġerat li wkoll hu ħażin.


*Offerta Speċjali!*

***RIGAL TASSEW SABIĦ GĦALIK...***
***JEKK ISSIBILNA TLIET ABBONATI ĠODDA!***

Int tista' tgħinna nsibu aktar qarrejja għar-rivista tagħna. Sibilna **tliet** abbonamenti **ġodda** (Lm3 il-wieħed għal sena) u aħna nagħtuk **b'xejn wieħed** minn dawn it-tliet kotba sbieħ (li għandhom l-istess valur ta' Lm3 il-wieħed jekk tixtrihom flimkien). Agħżel INT x'tixtieq bħala rigal:




1. **KRISTU - ĦAJTU U TAGĦLIMU** - il-Vanġelu mfisser.
2. **EJJEW NADURAWH** - 30 adorazzjoni ewkaristika.
3. **X'NEMMEN?** - Meditazzjonijiet dwar il-fidi .

Asal wasla sal- "**Lumen Christi Bookshop**" u ġibilna miegħek l-ismijiet u l-indirizzi ta' **tliet abbonati ġodda** mal-ħlas ta' Lm9 u tingħata **b'xejn** il-ktieb li trid int... **b'rigal għalik**!

**Din l-offerta speċjali tibqa' tgħodd biss sal-31 ta' Marzu 2005.**



**Majestic too Electronics Centre**

**Video & DVD Rentals,**
*Sales of:* **TV's, VCR's, Hi-Fi,**
**Mobile Phones & Air-Conditioners**

*F.Mizzi Street, Victoria, Gozo - Malta.*
**Tel: 2156 6616 Mob:79461299**

**Authorized Dealers in Gozo for**

SAMSUNG — *Satellite Receivers*
SANYO — *TV. DVD. VIDEO. AUDIO*
Pioneer — *Sound and Vision*
Roadstar — *Hi-Fi's of All Kinds*

***REPAIR CENTRE FOR MOBILES, TV's, VIDEOS, DVD's, HI-FI's, etc.***

# X'ġara dan l-aħħar



**Kronaka Għawdxija minn Lelio Spiteri**

## *Il-Kunċert tal-Milied 2004 mill-"Chorus Urbanus"*



Il-*Chorus Urbanus* ippreżenta s-seba' edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied. Din is-sena l-kunċert sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar l-Erbgħa, 22 ta' Diċembru 2004 fis-7.30 ta' filgħaxija. Il-kunċert ittella' mill-*Chorus Urbanus Productions* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u l-Kapitlu tal-Bażilika San Ġorġ. Ħadet sehem l-Orkestra Nazzjonali (leader: Marcelline Agius), *Chorus Urbanus*, Il-*Junior Section* tal-Kor u s-solisti Yvonne Galea (sopran), Joseph Aquilina (tenur), Mario Portelli (tenur) u Noel Galea (baxx). Is-serata fetħet bl-interpretazzjoni tal-quddiesa "*Missa Ignis Charitatis*" ta' Mro. John Galea. Fl-intervall inqraw żewġ poeżiji relatati mal-festa tal-Milied. Il-ġabra li saret b'riżq il-*Community Chest Fund* ammontat għal Lm400. Fit-tieni parti tas-serata ġew interpretati bosta għanjiet tal-Milied, uħud tradizzjonali b' arranġament ta' Mro. Galea. *Chorus Urbanus*, il-*Junior Section* kif ukoll is-solisti, flimkien mal-orkestra interpretaw dawn il-*carols* kemm bħal *solos* kif ukoll mal-korijiet. Għal din l-okkażjoni ġie stampat ktejjeb-programm sabiħ ħafna mhejji minn Mark Sagona u Noel Galea.



## *Għajnuna finanzjarja liż-Żewġ Teatri ta' l-Opra f'Għawdex*

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, tat għotjiet finanzjarji liż-żewġ teatri ta' l-opra f'Għawdex, waqt ċerimonja qasira fl-uffiċċju tal-Ministru, f'Victoria, nhar l-Erbgħa 12 ta' Jannar. L-għotjiet, li jammontaw għal Lm5,000, tqassmu b'konformità mal-ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u t-Teatri *Astra* u *Aurora*. Dan, sabiex il-Gvern jgħin fil-produzzjoni ta' l opra lirika annwali. L opra lirika hija prodott ieħor li qed jinħadem f'Għawdex. Minkejja li tinvolvi s-sehem ta' artisti barranin ta' fama internazzjonali, ix-xogħol kollu li tirrekjedi l-opra jsir kompletament f'Għawdex. Minbarra l-kontribuzzjoni għolja fil-qasam kulturali, l-opra lirika llum saret appuntament annwali li żżid l-influss ta' turiżmu ntern u barrani lejn Għawdex għaliex hija mfittxija ferm mill-Maltin u barranin. Iż-żewġ soċjetajiet jinvolvu l-ħidma ta' ħafna Għawdxin li jikkontribwixxu b'mod volontarju tul is-sena kollha. Fil-bidu ta' l-istaġun teatrali 2004-2005, it-Teatru Astra ppreżenta l-opra*Tosca* ta' Giacomo Puccini filwaqt li t-Teatru Aurora ppreżenta n-*Nabucco* ta' Giuseppe Verdi. Filwaqt li ppreżentat ċekk ta' Lm2,500 lil kull soċjetà, il-Ministru għal Għawdex irringrazzjat lis-Soċjetà Filarmonika*La Stella* u lis-Soċjetà Filarmonika*Leone* tal-kontribut siewi tagħhom fil-qasam kulturali, ekonomiku u soċjali lokali.

## *Familja Qalb tad-Deheb*




Il-President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami, ippresieda ċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni "Familja Qalb tad-Deheb" waqt serata għall-familja li saret nhar is-Sibt 15 ta' Jannar, filgħaxija, f'Palazzo Palina, Ta' Ċenċ, Sannat. Din kienet l-34 sena konsekuttiva, li l-Moviment ta' Kana f'Għawdex organizza s-Serata tal-Familja. Dan il-premju jingħata lil dik il-familja li, minkejja ċirkostanzi sfortunati u s-sagrifiċċji li tkun għaddiet minnhom, tibqa' magħquda. Il-familja Portelli min-Nadur, ġiet ippreżentata bl-unur prestiġġjuż "Familja Qalb tad-Deheb" fil-preżenza tal-Prim Ministru u s-Sinjura Gonzi; l-i*Speaker* tal-Parlament u s-Sinjura Tabone; membri Parlamentari Għawdxin; is-Sindku tal-Lokalità tan-Nadur l-Avukat Chris Said; id-delegat ta' l-Isqof t'Għawdex, Mons. Gużeppi Curmi; l-Arċipriet tan-Nadur, Mons. Salvu Muscat; id-Direttur tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, Dun Gorg Borg u għadd sabiħ ta' mistednin. Il-familja ta' Mario u martu Maria Portelli ntgħażlet minn Bord apposta minn fost għadd ta' familji li tressqu għall-konsiderazzjoni ta' dan il-premju. In-Nutar Dr Paul George Pisani, *chairman* tal-Bord ta' l-Għażla, qara r-rapport li għalih il-Bord kien wasal biex jagħżel lil din il-familja għal dan il-premju, feraħ lill-familja Portelli u ta messaġġ kontra d-divorzju u favur il-ħarsien tal-valuri nsara. F'messaġġ li għamel fi tmiem is-serata li kienet imżewqa b'kant mill-*Chorus Urbanus* taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea. Il-President ta' Malta tkellem dwar il-familja Maltija u Għawdxija u saħaq li din trid toqgħod b'seba' għajnejn quddiem tant sfidi f'dawn iż-żminijiet. Enfasizza fuq l-importanza tal-valuri li jżommu l-familja magħquda u sħiħa fost fuq tant perikli. Waqt li feraħ lill-familja Portelli, il-President radd ħajr lill-Moviment ta' Kana li tant jaħdem b'risq il-ġid morali tal-familja.




## *Is-Servizz tal-Ħelikopter - Ftehim*

Il-Ħadd 16 ta' Jannar, fil-Ministeru għal Għawdex sar l-iffirmar ta' ftehim bejn il-Gvern Malti u l-kumpanija Spanjola *Helicopteros Del Sureste* għall-provvediment ta' servizz tal-ħelikopter bejn Malta u Għawdex. Għaċ-ċerimonja, ippreseduta mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi, kien hemm preżenti l-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, Ċensu Galea, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u l-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura, Francis Zammit Dimech, kif ukoll membri tal-Kumitati Eżekuttivi ta' l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. L-iffirmar sar mis-Sinjuri Louis Cilia u Frank Psaila, Segretarji Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni u l-Ministeru għal Għawdex rispettivament, fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentanti tal-Gvern Malti, u mis-Sinjuri Luis Minano Sanvalero u Antonio Martinez, Direttur Maniġerjali u Direttur Kummerċjali rispettivament tal-kumpanija *Helicopteros Del Sureste*. Is-servizz ta' l-ajru se jibda b'effett mill-21 ta' Marzu li ġej b'medja ta' għoxrin titjira kuljum fis-sajf u tmien titjiriet kuljum fix-xitwa. Is-Sur Antonio Martinez, Direttur Kummerċjali ta' *Helicopteros del Sureste* qal li l-kumpanija hija lesta li żżid in-numru ta' titjiriet kif ukoll li ddaħħal iktar *helicopters* jew oħrajn li jesgħu kapaċità ikbar, jekk titlob in-neċessità. Is-servizz se jingħata permezz ta' *helicopters* li jesgħu 13-il persuna.

## *Proġett ta' 199,760 Ewro għal Wied il-Mielaħ mill-Kunsill ta' l-Għarb*

Il-Kunsill Lokali tal-Għarb ser ikun l-ewwel Kunsill minn 8 Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex li ser jirċievi għajnuna ta' madwar mija u ħamsa u erbgħin elf Ewro (73% tal-proġett) mill-Fondi Strutturali allokati għall-pajjiżna mill-Unjoni Ewropeja. Is-27% l-oħra tal-proġett ser jiffinanzjahom il-Kunsill stess. Din l-għajnuna ser tingħata għall-progett '*Wied il-Mielaħ Valley Restoration and Management of Storm Water*' li ser jippermetti li jsir tisbiħ ta' l-ambjent ta' Wied il-Mielaħ permezz ta' xogħol ta' konservazzjoni u protezzjoni tal-wied. Ix-xogħol ser ikun jinkludi tindif tal-wied, bini ta' lqugħ għall-ilma (*dams*), bini ta' ħitan tas-sejjieħ tal-ġnub tal-wied, bini ta' *bridges*, *embellishment* ta' parti mill-wied bħala post ta' rikreazzjoni u installazzjoni ta' għamara rustika. Dan il-proġett ser ikun mifrux fuq perijodu ta' 18-il xahar biex jitlesta.



## *Wirja ta' pittura mill-artist Għawdxi Mario Cassar*

Nhar is-Sibt u l-Ħadd, 22 u 23 ta' Jannar, bejn id-9.00 ta' filgħodu u 9.00 ta' filgħaxija, ttellgħet wirja ta' l-arti bl-isem ta' '*Women*', imtella' minn Mario Cassar, miż-Żebbuġ, Għawdex. Il-wirja saret fil-Gallerija ta' l-Arti Gourgion, viċin iċ-Ċentru ta' l-Università ta'Għawdex. Din kienet opportunità fejn il-pubbliku seta' jara s-seba' wirja personali ta' dan l-artist dwar in-nisa, xogħlijiet li hu ħadem bejn l-1999 u din is-sena. Din il-wirja ttellgħet ukoll fil-*Millennium Chapel* ta' Paceville, Malta, u ġiet inawgurata mill-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, nhar is-6 ta' Frar. F'Awissu li ġej Mario ser itella' l istess wirja tiegħu, li tikkonsisti fi 22 biċċa pittura, fl-Università ta' York, Toronto, fil-Kanada.



## *Diversi proġetti infrastrutturali għall-ġid ta' l-industrija tat-turiżmu f'Għawdex*



Il-Gvern qiegħed jaħdem fuq diversi proġetti infrastrutturali li minnhom se tibbenefika b'mod dirett l-industrija tat-turiżmu għal Għawdex. Dan qalitu l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono meta l-Ħamis 20 ta' Jannar, indirizzat is-sitt laqgħa ġenerali annwali ta' l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex, li saret fil-Lukanda Mġarr, f'Għajnsielem. Il-Ministru Debono tkellmet dwar il-ħidma li wettqet l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex (GTA) matul dawn l-aħħar sitt snin li ilha mwaqqfa. Il-Ministru Debono faħħret l-inizjattivi li ttieħdu mill-GTA u ħabbret li din il-ġimgħa stess ġiet infurmata bil-possibbiltà li Għawdex jipparteċipa f'fiera oħra nternazzjonali fi Spanja. Hija offriet din il-possibbiltà lill-GTA u qalet li l-Ministeru lest jidħol għall-iffinanzjar tagħha. Giovanna Debono qalet li din l-għajnuna ser tingħata apparti l-għajnuna finanzjarja u permezz ta' ħaddiema li l-Ministeru diġa' qiegħed jagħti lill-GTA. Il-Ministru Debono tkellmet dwar l-għażla ta' proġetti li l-Gvern għamel fir-rigward ta' Għawdex. Hija qalet li l-Gvern sema' s-suġġerimenti li tat l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex u fuq dan ħa d-deċiżjonijiet meħtieġa. Waqt l-istess okkażjoni l-membri tal-GTA tellgħu l-kumitat il-ġdid li huwa magħmul minn Victor J Borg, Silvio Rapa u Joe Muscat għat-taqsima tal-Lukandi, *Guesthouses, Aparthotels* u *holiday complexes*. Ludgard Gatt, Mario Loporto u Paul Scicluna għat-taqsima ta' *self catering* u *real estate*. Philip Spiteri, Patrick Buttigieg u George Sacco mit-taqsima ta' ristoranti, *bars, pubs*, kafeteriji u *confectioneries*. Mark Busuttil bħala rappreżentant tas-settur tal-għaddasa (*diving*). Jason Galea għat-taqsima ta' l-aġenziji tat-turiżmu, Amabile Zammit għat-taqsima tat-trasport, George Said għat-taqsima ta' l-attrazzjonijiet turistiċi u Anthony Cassar elett bħala rappreżentant ġenerali.

**TROPICAL FOREST**
**Aquarium, Pet & Garden Centre**



Mġarr Road, Xewkija,
Gozo - Malta.
Tel: 2156 3805
Mob: 9986 4255

**TA' ĦAQQU**
*Rita Azzopardi*
**"Ta' Ħaqqu", Vjal it-Tmienja ta' Settembru,**
**Xagħra, Gozo.**
***Toys, Stationery, Haberdashery,***
***Clothes, Photocopy & Binding Service.***
**Tel: 2155 4459**




# STATISTIKA U PROSPETTIVA DWAR GĦAWDEX U L-GĦAWDXIN

### ❶ *19,070 Maltin u Għawdxin fir-riskju ta' faqar*

"L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, fi statistika li ppubblika għall-oqsma reġjonali, wera kif **f'pajjiżna hawn xejn inqas minn 19,070 persuna li qegħdin jgħixu fir-riskju ta' faqar. Minn dawn hemm 17,830 persuna f'Malta u 1,240 f'Għawdex.** F'Malta l-persentaġġ tal-persuni jgħixu fil-faqar jammonta għal 15.1 fil-mija waqt li **f'Għawdex jammonta għal 12.7 fil-mija**. Il-medja għal Malta u Għawdex tal-persuni li jgħixu fil-faqar hi 14.9 fil-mija.

Ta' min jgħid li l-Kummissjoni Nazzjonali Familja, bl-għajnuna ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, riċentament ippubblikat riċerka dwar il-faqar fil-familja u l-esklużjoni soċjali, b'enfasi fuq it-tfal. L-istudju kien ikkordinat minn Dr Angela Abela li hija ċ-*Chairperson* tal-Kummissjoni Nazzjonali Familja u minn Fr Charles Tabone.

Mill-istatistika reġjonali ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika hi dwar l-ammont ta' vetturi li kien hawn reġistrati f'pajjiżna bejn is-sena 1998 u s-sena 2002. Naraw li **fis-sena 2002, ikkomparat mas-snin l-oħra kien hemm tnaqqis drastiku fl-ammont ta' karozzi privati fejn dawn minn 188,495 fis-sena 2001 niżlu għal 98,995 vettura. Naraw li waqt li fis-sena 1998 kien hawn reġistrati 229,977 vetturi, fis-sena 1999 kien hemm 238,878 vettura reġistrata, fis-sena 2000 kien hemm 246,825 vettura, fis-sena 2001: 254,052 vettura u fis-sena 2002: 195,055 vettura.**"

*(l-Orizzont, 10-01-05)*

### ❷ *Fatti li ftit jissemmew dwar is-Servizz tas-Saħħa f'pajjiżna*

"Fl-1998 kienu jsiru *300 MRI Scan* fis-sena. Illum qbiżna t-300 fix-xahar. Kull *scan* fil-privat jiswa madwar Lm300.

Fl-1995 kienu jsiru 100 operazzjoni tal-qalb fis-sena barra minn Malta. Illum nagħmlu aktar minn 360 f'pajjiżna fis-sena. L-ispiża hi ta' madwar Lm3,000-il waħda. Qed nagħmlu wkoll madwar 3,000 *angiogram* fis-sena. Qabel konna nibgħatu 100 fis-sena l-Ingilterra. Din il-proċedura tiswa madwar Lm700-il waħda.

**Fl-1996 l-ispiża fil-mediċini kienet ta' madwar Lm6 miljun. Illum qabżet it-Lm18-il miljun.**

**Jinħarġu medja ta' 2,500 karta safra ġdida fis-sena** li tintitolak għal mediċini b'xejn irrispettivament mill-qagħda finanzjarja tiegħek."

*(Il-Mument, 21-11-04)*

### ❸ *Il-Qgħad f'Għawdex*

"F'Għawdex illum hemm l-ogħla rata ta' qgħad sa minn Mejju 2002. F'Novembru 2004 l-Għawdxin jirreġistraw għal xogħol qabżu s-700. **Bħalissa 739 persuna f'Għawdex huma bla xogħol u fl-aħħar sena l-qgħad fost l-Għawdxin żdied bi 15%**, li minnhom 10% huma żgħażagħ, minn total ta' 53% ta' Għawdxin bla xogħol. 18% oħra minn dawk li qegħdin jirreġistraw għandhom iktar minn 45 sena, li juri żieda oħra ta' 27% fuq is-sena ta' qabel."

*(l-Orizzont, 19-01-2005)*

### ❹ *It-Tempji tal-Ġgantija l-aktar popolari*

"Ċifri mogħtija fil-Parlament juru li matul is-sena li għaddiet l-għadd ta' dawk li żaru l-mużewijiet u postijiet storiċi żdied b'144,053 jew bi 13 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.

L-istess ċifri juru wkoll li **l-aktar post storiku popolari fir-rigward ta' żjarat li jsiru fih hu t-Tempji tal-Ggantija fix-Xagħra, Għawdex, fejn l-għadd ta' dawk li żaruh żdied minn 154,041 għal 170,139 fis-sena li għaddiet.**

Dawn iċ-ċifri ngħataw mill-Ministeru tat-Turiżmu u l-Kultura Francis Zammit Dimech fi tweġiba għal interpellanza.

**Iċ-ċifri juri li filwaqt li fl-2003 kien hemm 1,094,333 persuna li żaru t-tempji u l-postijiet storiċi ewlenin li għandna f'pajjiżna u li d-dħul għalihom hu kkontrollat, matul is-sena n-numru ta' viżitaturi tela' għal 1,238,386."**

*(In-Nazzjon 18-01-05)*

### ❺ *Tiżdied it-taxxa tad-dħul mill-Għawdxin*

"Il-Prim Ministru Dr.Lawrence Gonzi fi tweġiba għall-mistoqsija Parlamentari mid-Deputat Nazzjonalista, Jason Azzopardi, qal li l-ammont ta' taxxa tad-dħul imħallas minn residenti Għawdxin bħala persentaġġ ta' l-ammonti totali miġburin matul is-snin 2000 sas-sena 2004 huma: 2.95 fil-mija għas-sena 2000, 3.38 fil-mija għas-sena 2001, 3.40 fil-mija għas-sena 2002, 3.36 fil-mija għas-sena 2003 u 4.41 fil-mija għas-sena 2004."

*(l-Orizzont, 20-01-05)*

# ĊIKKU L-GĦAWDXI



## *TOROQ "ĠODDA" JEW TISWIJA TA' TOROQ "QODMA"?*

Żgur li l-Għawdxin kollha ħadu gost meta semgħu l-aħbar li "permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropea se jsiru mill-ġdid żewġ toroq arterjali, dik mill-Imġarr sax-Xewkija u dik minn Victoria sa San Lawrenz - żewġ proġetti li mistennija jiswew 7 miljun Euro" (ara "*In-Nazzjon*", 10 -12-04, p.9).

Aħbar tajba bħal din iġġagħlek tieħu nifs qawwi 'l ġewwa u 'l barra u tlissen: "Għall-Erwieħ! Fl-aħħar wasalna għal xi ħaġa bis-serjetà u bil-galbu dwar it-toroq miżerabbli tagħna..." Tassew, ilna snin twal nitqannew b'toroq mimlija ħofor u tħarbit, "*blind corners*" u "*bottle-necks*", tgħawwiġ u tisrip, eċċ, eċċ. Tixtri karozza ġdida ma sservikx aktar minn sentejn bla ħsara, bid-daqqiet li tieħu fir-roti jew fis-sistema tas-"*suspension*", barra l-grif u l-brix mal-"*body*" kollu biż-żrar li jtir minn tirqigħ u tiġnit bla galbu u bla sengħa...

Imma hemm aspett ieħor x'nikkunsidraw. Il-mistoqsija li għamilt bħala titlu ttik x'taħseb. Għax **altru toroq "ġodda" fjamanti u altru "tiġdid" ta' toroq eżistenti**. Ngħiduha kif inhi, it-tnejn meħtieġa b'ċerta urġenza f'Għawdex bħal f'Malta, u forsi jaqbel li l-ewwel nirranġaw sewwa dak li ġa għandna. U għalhekk qalet sewwa l-Onor. Ministru għal Għawdex fil-parlament li "dan mhux biżżejjed għax illum kull triq li teħtieġ tissewwa trid tinbena mill-ġdid" u ħabbret li se jiġu rranġati diversi toroq f'Għawdex (ara "*l-Orizzont*", 10-12-04, p.7).

Jekk għad jasal iż-żmien ta' ftugħ u bini ta' toroq "ġodda" kompletament, fil-Pjan ta' Żvilupp Ekonomiku u Soċjali għas-snin 2005-2010, li qed jitfassal mill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' l-Imsieħba Soċjali u li issa jinsab fi stadju finali (ara "*Il-Mument*", 19-12-04, p.35), ta' min jikkonsidra bis-serjetà l-ħtieġa b'urġenza ta' erba' toroq arterjali oħra fi gżiritna, biex ikollna żvilupp turistiku u soċjali effikaċi għall-futur:



**1. Triq arterjali "*by-pass*" bejn ta' Ħamet u r-Ramla l-Ħamra**, li tidher mibdija u mitluqa fir-ritratt, wara snin twal li kien ingħata bidu għaliha fis-Sittiniiet. Triq bħal din taqta' ħafna mill-konġestjoni tat-traffiku fin-Nadur, speċjalment fiż-żona Ta' Ħida, matul ix-xhur tas-sajf għal dawk li jfittxu triq diretta għar-Ramla l-Ħamra, barra li toffri aktar faċilità għall-bdiewa Xagħrin li għandhom ir-raba' għammieli fl-istess inħawi.

**2.** "*By-Pass*" oħra meħtieġa ħafna għall-istess żvilupp turistiku, **bejn Ħondoq ir-Rummien u l-Mġarr**, jew totalment ġdida minn fuq is-sisien




"Taċ-Ċawl" u ż-Żewwieqa mal-kosta, jew parzjalment estiża minn Ħondoq ir-Rummien għat-toroq ġa eżistenti fil-Qala (Triq Taċ-Ċawl u Triq iż-Żewwieqa) fl-inħawi tal-Belveder. *"By-Pass"* bħal din taqta' l-konġestjoni tat-traffiku fiċ-ċentru u l-qalba tal-Qala, minn Triq 28 ta' April u Triq il-Kunċizzjoni, fis-sajf.

**3. *"Tunnel Road"* bejn ix-Xlendi u d-Dwejra**, minn ħdejn il-knisja tax-Xlendi, għal taħt is-sisien u l-għoljiet fin-naħat ta' San Raflu f'Kerċem, li tinfed fil-wied ħdejn il-Lukanda ta' San Lawrenz jew fl-inħawi tat-Torri tad-Dwejra. Qed noħlom, hux?! Imma arà x'vantaġġ kbir turistiku għax-Xlendi u għad-Dwejra!! U jekk *"tunnel roads"* ta' kilometri sħaħ huma daqshekk numerużi kull fejn tmur fil-pajjiżi Ewropej, u saru anke f'San Ġiljan u taħt Santa Venera f'Malta, anke jekk mini qosra, għaliex f'Għawdex le?! Improbabbli iva, impossibli le...

4. Titlesta triq oħra mibdija u mitluqa snin ilu:; dik mal-kosta **mill-Qbajjar sa Wied l-Għasri**! Faċli ħafna, spejjeż mill-inqas, u xorta baqgħet nofs leħja! Forsi aħjar nibdew minn din it-triq żmattata u abbandunata, biex ma naqtgħux qalbna li xi darba naslu għat-tlieta l-oħra...

Hemm ħtieġa ta' *"by-passes"* oħra f'Għawdex biex innaqqsu l-konġestjoni tat-traffiku minn ġor-Rabat u l-irħula, u għal aktar faċilità soċjali-turistika fit-trasport u fil-komunikazzjoni arterjali ambjentali, bħal: Imgarr-Xatt l-Aħmar; Xewkija-Xwejni; Kerċem - Xlendi; Marsalforn- Ramla; Nadur - San Blas - Daħlet Qorrot; Daħlet Qorrot - Ras il-Qala - Ħondoq ir-Rummien; eċċ, eċċ.

Darba (snin ilu!) kont smajt li l-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kellu proġett, jew aħjar **ħolma sabiħa ta' triq dawra tond mal-kosta kollha tal-gżira Għawdxija!** Forsi jien ukoll qed noħlom ħolma ta' "Gozo - *an island of dreams!*"... Imma almenu ma jistgħux jgħidu jew igergru li Ċikku l-Għawdxi dejjem negattiv... Aħjar noħlom bl-impossibbli milli neqred bil-possibbli!!!

***FLASH NEWS!!***
***WASAL IL-ĦELIKOPTER! IMMA...***

X'konsolazzjoni! Aqra din li kiteb *"Asterisk"* fil-*"Ġens Illum"* tas-Sibt 22 ta' Jannar, paġna 4:

"Dettalji li waslu mill-moħħ wara l-proġett - il-Ministeru tal-Kompetittività. Mela jekk int xiħ, student jew minn Għawdex tħallas Lm16 *one-way* u Lm26 bir-*return*. Il-kumplament għandek **Lm30 *one-way*** u **Lm50 bir-*return***.

Tajba din! Allura issa qed inħabbru li se jkollna biljetti bil-ħames liri għal Londra - titjira ta' tlett sigħat - u għal seba' minuti bejn Malta u Għawdex, għandek ħamsin lira! Trid tkun fil-Ministeru tal-Kompetittività biex taċċetta din. **Iddaħkuniex!"**

Mindu *"Asterisk"* għamel dan il-kumment, il-prezzijiet għall-Maltin u l-Għawdxin ġew imnaqqsa imma **għat-turisti le**... Issa naraw kemm se jiżdiedu t-turisti f'Għawdex b' Lm50 *extra* għall- ħelikopter!!! Forsi jiġu minn Spanja...!

**Ċikk, l-Ispanjoli huma galantomi xejn?!**

## *Ritratt... b'mistoqsija!*



**Meta se nikkontrollaw u naqtgħu darba għal dejjem il-pastażata ta' ruxxmata ta' avviżi ta' kull xorta, imdendlin mat- *"traffic lights"* fl-arterja prinċipali t'Għawdex?!**

L-INTERVISTA

# Żejt taż-Żebbuġa u Limonċell Għawdxi

**Dun Eddie Zammit jintervista lis-Sur Joe Spiteri, Direttur tal-*Cottage Products Gozo Limited*, dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u l-limonċell f'Għawdex**




***Dan l-aħħar tfaċċa dan il-prodott ġdid fis-suq lokali li għandu konnessjoni kbira ma' Għawdex. Qed nirreferi għaż-żejt taż-żebbuġa u għal limonċell li qegħda tipproduċi l-kumpanija tagħkom. Kif nibtet l-inizjattiva?***

L-inizjattiva nibtet mill-idea li niskopru possibiltajiet ġodda ta' xogħol f'rabta ma' l-industriji tradizzjonali ta'Għawdex. Waqt diskussjoni ma' wieħed mill-kollegi li llum huwa wieħed mid-diretturi tal-kumpanija, ġejt irreferut għal ċertu Ruben Curmi min-Nadur li kien qed jinteressa ruħu ħafna u jikseb informazzjoni dwar il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Tkellimna flimkien u bdejna bil-mod il-mod niskopru l-istadji kollha marbuta ma' din il-produzzjoni. Diġà inizjattivi simili kienu ittieħdu f'Malta f'dawn l-aħħar snin u aħna ridna naraw x'possibiltajiet hemm f'Għawdex għal inizjattivi simili. Għamilna biex ngħid hekk daqsxejn ta' prova, meta waqt il-Wirja ta' Santa Marija tellajna *stand* bi prodotti lokali u għamilna l-proposta tat-tħawwil tas-siġar taż-żebbuġ b'rabta mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. L-ewwel reazzjonijiet kienu ħafna inkoraġġanti. Il-ħsieb tagħna wara din l-inizjattiva kien li nbiegħu prodotti Għawdxin b'kontinwità ma dak li dejjem sar minn ta' qabilna bi *standards* li jgħoddu għal żminijietna, u niżvillupaw l-prodotti ta' l-industriji żgħar tagħna li qed jiġu dejjem iktar imfittxija mill-Maltin u t-turisti.

### *Dwar iż-żejt taż-żebbuġa, x'inizjattivi ħadtu?*

Ridna qabel xejn niġbru ħafna informazzjoni marbuta ma' din il-produzzjoni. Għalkemm din is-sengħa kienet qawwija ħafna f'pajjiżna snin twal ilu, it-teknika kollha marbuta ma din is-sengħa ntilfet kollha. Grazzi għall-*internet* u għall-kuntatti li għandna permezz ta' diversi ġemellaġġi u kuntatti ma' kunsilli lokali u industrjalisti ewropej f'dan il-qasam, ġbarna ħafna informazzjoni. Irrid insemmi li sibna ukoll l-appoġġ minn *grants* tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' diversi kunsilli, fosthom dak tan-Nadur u tax-Xagħra, bdejna nixtru s-siġar taż-żebbuġ u nbiegħuhom bi prezz ridott lill-bdiewa tagħna biex iħawluhom fl-għelieqi tagħhom, speċjalment dawk li kienu b'xi mod abbandunati. Offrejna bħala kumpanija prezz garantit dwar iż-żebbuġ. Barra minn hekk poġġejna għad-dispożizzjoni tal-bdiewa tagħna konsulenza teknika b'xejn f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tar-raba, dwar l-irjieħ perikolużi adattati, kif ukoll il-garanzija li nixtru l-prodott kollu li jipproduċu. Offrejna ukoll il-possibilità ta' makkinarju biex jinqata' ż-żebbuġ kif ukoll bexx ta' l-istess siġar bi prezz ridott. Barra minn hekk ġibna diversi konsulenti biex jgħinuna ħalli nqegħdu din l-industrija fuq saqajn sodi.

### *X'reazzjoni sibtu quddiem dawn il-proposti?*

Nista' ngħid li r-reazzjoni kienet waħda pożittiva. Din is-sena mpurtajna iktar minn 8,000 siġra taż-żebbuġ u s'issa huwa kkalkulat li f'Għawdex f'dawn l-aħħar snin tħawwlu iktar minn 10,000 siġra taż-żebbuġ. Siġra taż-żebbuġ trid madwar 4 snin biex tibda tagħmel l-ewwel frott u trid madwar 10 snin biex timmatura sewwa.Il-mira tagħna bħala kumpanija hi li f'Għawdex jirnexxielna nħawwlu mal-50,000 siġra. Il-possibilità teżisti!

### *X'kura hemm marbuta mat-tħawwil u t-tkabbir tas-siġra taż-żebbuġ?*

L-ewwel nett it-tħawwil irid isir bejn Ottubru u Marzu u wieħed irid joqgħod attent li jagħmel ilqugħ tajjeb u *support* kontra l-irjieħ. Meta titħawwel jitpoġġa madwar l-għeruq bħal tajjar biex iħares lis-siġra minn ċerti nsetti li jistgħu jattakawha, imbagħad irid isir bexx programmat ħalli is-siġra tħarisha minn xi mard li jista' jaħkimha. Kull siġra tirrekjedi tisqija darba fil-ġimgħa u fil-bidu trid taħseb għal madwar 16 il-litru ta' ilma għal kull siġra. Evidentament trid sors ta' ilma viċin ta' produzzjoni ta' dawn is-siġar. Barra minn hekk wieħed ikun irid jiffertilizza kull tant żmien.













***Dan l-aħħar il-kumpanija għamlet xi investiment ieħor marbut mal-għasir taż-żebbuġ?***

F'Ottubru tas-sena l-oħra inawgurajna uffiċċjalment il-makkinarju għall-għasir taż-żebbuġ biex nipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa għawdxi. Dan il-makkinarju poġġejnih fi ħdan il-kumpless industrijali tal-*Gozitano* fix-Xewkija. L-għasir taż-żebbuġ isir bejn ix-xhur ta' Ottubru u l-bidu ta' Diċembru. Il-makkinarju li ġibna jneħħi il-weraq taż-żebbuġ u jneħħi ukoll l-għadma. Imbagħad jinħażaq iż-żebbuġ u wara jiġi ppressat biex minnu joħroġ iż-żejt. Iż-żejt jitqiegħed f'kontenitur apposta tal-i*stainless steel* u jiġi ffiltrat permezz ta' tajjar, skond kemm ikun hemm bżonn. Aħna qegħdin nippruvaw inħallu l-prodott ġenwin fl-istat naturali tiegħu kemm jista' jkun. Wara l-prodott jiġi bbottiljat fi fliexken skuri apposta biex ma ssirlux ħsara bid-dawl tax-xemx. Għandna l-ħsieb li 'l quddiem nakkwistaw iċ-ċertifikazzjoni kollha marbuta mal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa biex inħarsu l-prodott għawdxi tagħna fis-Suq Ewropew.

***Dan l-aħħar barra ż-żejt taż-żebbuġa daħħaltu fis-suq il-prodott tal-limonċell ta' Għawdex. X'inhu l-ħsieb wara din il-produzzjoni?***

Dan il-prodott joħroġ mit-tisjir tal-qoxra tal-lumija. F'Għawdex għandna produzzjoni mdaqqsa ta' dan il-prodott u mhux dejjem kien qed jasal fis-suq. Issa bil-produzzjoni ta' dan il-*liquor* sibna kif nistgħu






nutilizzaw dan il-prodott. Il-metodu hu wieħed sempliċi. Il-qoxra tal-lumija, zokkor, alkoħol, l-ilma u naturalment it-tisjir. Ftit teknika marbuta mal-produzzjoni hemm ukoll. L-ewwelnett trid tagħmel id-doża eżatta tal-ingredjenti, imbagħad trid toqgħod attent li l-lumi la jkun misjur ħafna u lanqas nej. Anke fil-kas tal-limonċell qegħdin nippruvaw inżommu l-prodott fl-istat naturali tiegħu mingħajr ħafna żjieda ta' koloranti addittivi.




### *Xi proġetti għandkom għall-futur?*

Għall-futur fi ħsiebna nipproduċu *liquors* oħrajn mill-prodotti għawdxin bħal bajtar, għasel, ħarrub, rummien u diversi prodotti tradizzjonali ta' Għawdex, bħal tadam imqadded u prodotti oħrajn. L-idea tagħna hi li niżviluppaw prodotti marbuta mal-agroturiżmu li llum tant qed jiġi mfittex minn dawk li jiġu jżuruna.

### *X'vantaġġi tara f'dawn l-inizjattivi tagħkom?*

Dwar iż-żebbuġ nista' ngħid li qegħdin noffru opportunatijiet ta' xogħol alternattiv u sfruttar fil-pożittiv tal-possibilitajiet agrarji tagħna. Fejn qabel f'ċerti għelieqi kienu qed jitħawlu siġar marbuta mal-kaċċa jew insib, illum qed inħawlu dawn is-siġar li huma iktar addattati għall-ambjent tagħna u huma dejjem ħodor sajf u xitwa, barra li jagħmlu l-frott. Allura hemm kontribuzzjoni ambjentali ukoll. Qegħdin noffru opportunità ta' esportazzjoni tal-prodotti għawdxin. Fil-fatt qed ikollna ħafna talbiet mill-pajjiżi fejn għandna l-emigranti tagħna. Offrejna l-possibilitajiet ġodda għall-bdiewa u għall-għelieqi tagħhom. Naħseb li 'l quddiem dawn il-prodotti tagħna ser ikunu dejjem iżjed imfittxija. Kuntenti li qegħdin noffru kontribuzzjoni għat-tisħiħ tal-industrija agrarja f'Għawdex, skond it-tradizzjoni tagħna.

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA — Minn George N. Cassar

# LA TAGĦMILHA MAN-NIES!



**Jgħaddi kull filgħodu bit-trakk min-naħa tagħna jbigħ il-ħaxix u l-frott. Nammirah. Raġel dħuli u ġentili u l-bonġu jgħidhielek bi tbissima. Fost il-parruċċani għandu waħda armla, imdaħħla fiż-żmien, fonqla għall-aħħar. Biex tixtri , tqalliblu kannestru sħiħ u x'ħin tiġi biex tħallas, erħilha tgorr u tiġġebbed. "Ton, int l-erre ma titlifha qatt," għidtlu minn taħt l-ilsien. " "X'tagħmel ? La tkun trid min-nies," weġibni , "ikollok tigdem ilsienek u toqgħod paljazza tagħhom".**

## *Nisġa ta' rabtiet*

Mhux tal-ħaxix biss irid min-nies. B'mod jew ieħor, min ftit u min ħafna, ilkoll kemm aħna bżonn xulxin. Tkun fejn tkun, id-dar, fuq il-lant tax-xogħol, fit-triq jew fil-ħanut, speċjalment f'komunita' żgħira bħal tagħna, tħoss ixxebblek madwarek nisġa sħiħa ta' rabtiet u relazzjonijiet. U la tagħmilha man-nies, trid troxx talinqas niskata ġentilezza fi kliemek u f'għemilek. Xejn, xejn, tipprova l-ħajja ma ttaqqalhiex iktar milli hi. Xi drabi, ta' bnedmin li aħna, nitlewmu u niftluha bejnietna saħansitra fuq ħmerija, fuq kelma żejda li donnha teħel fuq l-istonku tagħna. Aħna l-Maltin inħobbu ngħidu li sa l-imsaren fiż-żaqq ikollhom xi jgħidu. Dun Mikiel Azzopardi, Alla jtih mitt ġenna, kien qalha mod ieħor: "Anki kieku konna anġli, jiġu waqtiet meta ġwenħajna jħokku ma' xulxin".

## *Karattri*

Niftiehmu, mhux la kemm tgħix fl-armonija u ma tirrokkax meta jkollok tħabbat wiċċek ma' min ikollu lsienu joqros u jweġġa' jew ma' min ma jirraġunax, jaf li għandu tort u jibqa' jisserdaq. Tiltaqa' u tagħmilha ma' min jinzerta jkollu ġilda fina, jitfantas mix-xejn, jew ma' min ikun tala' skalluna u beda jaħseb li mess is-sema b'idu. Issib l-egoist, jidhirlu li ħaddieħor qiegħed hemm biex jaqdih mill-koxxa, biex idoqq u jiżfen għat-ton tiegħu. Issib ukoll min il-gost tiegħu jfittex ix-xagħra fl-għaġina, jikkritika addoċċ, qisu dejjem fl-oppożizzjoni. Ma niftakarx min, imma xi ħadd, x'aktarx xi fonqla, kien ħareġ b'din l-istqarrija : "Aktar ma nitħallat man-nies, aktar nitħajjar nagħmilha mal-kelb tiegħi". Ta' min ifakkru lil dal-flien x'kienet tgħid l-għażiża ommi, li kull par għal paru.

Hawn min jiftaħlek għajnejk u jwissik biex lil min hu brikkun jew antipatiku u forsi m'għandekx demm miegħu, tagħtih biċċa minn djulek u titilqu. Imma x'tagħmel jekk dan l-imbierek jinzerta sieħbek ta' fuq ix-xogħol, jew il-ġar li tħabbat wiċċek miegħu kuljum? Jgħidu li Napuljun u Mussolini, li kellhom statura qasira, ma kenux jippermettu nies twal jixxierku fil-kumpanija tagħhom. Imma ħajjitna hija sempliċi u ħadd ma joħlom li jfassalha fuq dik tad-dittaturi.

## *Burdati*

Barra l-varjeta' kbira ta' karattri li, kif jaf kulħadd, mhumiex kollha ħelwin, ħa ssib min ibati bl-irjeħat u l-burdati. Illum ħafna ċajt u żufjett, jisbaħ għada, taraħ b'xiber geddum, bil-kemm isellimlek, iġibek fid-dubju nqastux f'xi ħaġa. Hawn min jgħidlek li l-burdati u l-umuri ħżiena huma riżultat ta' kawżi psikoloġiċi jew fiżiċi. Jiġi r-raġel lura d-dar wara ġurnata xogħol, imfarrak bil-għeja, forsi xellifha ma' l-imgħallem li nzerta bil-bajda mdawra, u miskina l-mara jew imsieken it-tfal; huma ħa jiżfnu fin-nofs. Xi wħud, jiġrilhom x'jiġrilhom, kapaċi jżommu l-bilanċ u l-ħajja ma jeħduhiex b'serjetà żejda.

## *Intelliġenza Soċjali*

Quddiem din it-tiżwiqa ta' karattri u burdati, hawn min jinqata' għalih waħdu u jingħalaq f'qoxortu. Jekk taħsel tiltaqa' miegħu, kważi kważi tistħajlu qed jgħidlek : "Għidli saħħa u itlaq ." Min jgħix hekk, qisu f'rokna, jispiċċa biex jifga. "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu," intqal fiż-żerniq tal-ħolqien. Lil dawk ta' kondotta kriminali u oħrajn tal-qatgħa tagħhom, is-soċjetà x'aktarx li twarrabhom. Ma tridx tkun int l-iblaħ li temarġina lilek innifsek. Matul l-erbgħin sena li għamilt ngħallem, ġie li ltqajt ma' studenti li kont nitħassarhom; żgħażagħ intelliġenti, mitfugħin fuq l-istudju, imma mgerrxin daqs il-fniek ta' l-Indi; ma jafux igawdu l-allegrija ta' sħabhom. Joħorġu mill-iskola u jibqgħu bilkemm kapaċi jsibu s-sieħba ta' ħajjithom. Fil-ħajja, barra l-intelliġenza akkademika għandna bżonn ukoll l-intelliġenza soċjali. Ma tistax taqdef waħdek, tgħix u tkampa f'dinja għalik. M'ilux inzertajt l-isptar nitkellem ma' mara anzjana. Staqsejtha jekk il-qraba u l-ħbieb jiġux iżuruha. "Qaddisi taf x'jgħid?" qaltli fil-pront. " Min ġie serraħni; min ma ġiex ferraħni". Għandi naħseb li dil-mara wkoll, xejn inqas minn ħaddieħor, tħoss it-toqol u l-kruha tas-solitudni.

Irridu nammettu li mhuwiex faċli li ssib tagħmilha ma' nies normali għal kollox. Kulħadd għandu fih dik il-ħajta ġenn; u ħadd ma jkun f'sikktu l-ħin kollu. Terġa' u tgħid, kulħadd bil-personalità , bit-temperament u l-gosti tiegħu. Biex kemm jista' jkun tevita t-trikki trakki tat-tilwim, trid tibda minnek innifsek u tammetti li int ukoll għandek ix-xtur tiegħek. Jekk tħares fil-mera, għandu mnejn f'għajnejk issib it-travu. Imbagħad ma tridx tgħaġġel fil-ġudizzju tal-proxxmu; malajr, malajr





tittimbraħ u tagħtih tikketta : dak stramb; dak kiesaħ; dak arroganti; dak jara 'l kulħadd dubbien. Taħsel mill-bidu nett bniedem ma teħux grazzja miegħu, abbli tibqa' żżommu fuq demm id-dras, ħtija tal-preġudizzji u l-passjonijiet li hemm ġo fik. Trid tirrispetta d-dritt ta' ħaddieħor li jkun differenti minnek.

U ħaġ'oħra. Din għallmuhieli meta kont għadni fuq il-bankijiet ta' l-iskola - ma niftakarx hux fi żmien il-bronż jew il-ħaġar: "Meta tittratta miegħek innifsek, uża 'l moħħok; meta tittratta ma' ħaddieħor, uża 'l qalbek." Tabilħaqq, jekk lil dak li jkun tagħraf tieħdu bil-ħlewwa, żorr kemm hu żorr, x'aktarx tispiċċa biex tieħu li trid minn għandu. Trid tagħmel sforz u tipprova tapprezza t-tajjeb tiegħu, tifhmu u tagħdru. Mhux li tmur fl-estrem u toqgħod paljazza tan-nies, kif qalli tal-ħaxix; imma talinqas tagħlaq għajn waħda, u flok tonfor u tiżbroffa, titgħallem trażżan lilek innifsek.

Tirrakkonta leġġenda ħelwa li darba fost l-oħrajn Abraham sab vjaġġatur għajjien qrib it-tinda tiegħu. Stiednu jidħol għandu, laqgħu qisu wieħed tal-familja, sa offrielu l-mifrex tiegħu u taħ jiekol u jixrob mill-aħjar ikel u nbejjed li kellu. Oħroġ il-għaġeb, dar-raġel ħlief igerger u jmaqmaq m'għamilx. Fl-aħħar Abraham telgħulu, ma felaħx jisimgħu jeqred aktar u wara tlitt ijiem keċċieh 'il barra. Alla kellem lil Abraham u qallu: "Abraham, lil dak il-povru raġel jien ilni fuq ħamsin sena nissaportih; inti bilkemm issaportejtu tlitt ijiem"...!




### *Indulġenza Plenarja għas-Sena Ewkaristika*

Skond digriet tal-Penitenzerija Appostolika, ippubblikat fl-14 ta' Jannar li għadda, tul din is-Sena Ewkaristika ngħatat indulġenza plenarja għal min jieħu sehem f'atti ta' kult u qima quddiem is-Santissimu Sagrament kif ukoll għal min jitlob il-vespri u l-kumpieta quddiem it-tabernaklu.

### *Is-sajjieda ta' Sri Lanka*

Wara l-maremot qawwi li seħħ fl-Asja, il-komunitajiet ta' sajjieda fi Sri Lanka ngħataw prijorità f'dawk li huma għajnuniet. Skond il-*Caritas* Djoċesana ta' Galle, il-belt fil-kosta bejn Benota u Hambanthota, il-ħsara li saret kienet drammatika. Madwar 80 % tal-bċejjeċ tal-baħar ta' Sri Lanka nqerdu fit-*tsunami* tas-26 ta' Diċembru 2004. Intant, *Caritas-Sri Lanka* implimentat programm ta' għajnuna. Il-komunitajiet ta' sajjieda milquta ngħataw kenn fil-knejjes. Il-*Caritas* Internazzjonali ħabbret li ġabret fuq 63 miljun dollaru biex tassisti l-popolazzjonijiet ta' l-Asja mifluġa mid-diżastru naturali.

### *Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ u l-Papa*

Fi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-ġurnalisti, Joaquin Navarro-Valls qal li l-Vatikan se jikkonferma uffiċjalment il-vjaġġ tal-Papa għal Kolonja, il-Ġermanja, għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Qal ukoll illi ebda vjaġġ mhu pprogrammat għall-Papa din is-sena biex imur il-Polonja. Din is-sena fil-Polonja, art twelid il-Papa, se jkun hemm l-elezzjonijiet.

### *Sfidi għall-Knisja, kif jarawhom il-Kardinali*

Wara li ntervista 111 mill-kardinali li jistgħu jivvotaw għal papa ġdid, Giuseppe De Carli, il-korrispondent tar-RAI għall-Vatikan, kellu kliem ta' tifħir. Hu għadu kemm ippubblika għażla ta' 23 intervista ma' diversi kardinali, fil-ktieb "*Eminenza, Mi Permette?*". Skond De Carli, il-kardinali għandhom tliet preokkupazzjonijiet komuni.

- "L-ewwel suġġett hu l-gwerra u l-paċi", hu qal. "Il-linja ndikata mill-Papa hi l-linja mħaddna mija fil-mija mill-kardinali. Il-Knisja hi s-sagrament tal-paċi fid-dinja. Il-qawwa ta' dan il-papat hi l-qawwa tal-profezija tiegħu għall-paċi. Minħabba dan, Ġwanni Pawlu II hu meqjus bħala 'missier' mill-Musulmani".
- "It-tieni preokkupazzjoni kbira hi dik tar-relazzjonijiet ma' l-Iżlam", kompla jgħid. "Hu suġġett aktarx ikkumplikat, li dwaru jitkellmu kardinali bħal Scola, li jgħid li trid tingħata attenzjoni għall-Musulmani ta' l-Ewropa, li ġa huma xi 18-il miljun".
- De Carli osserva li "suġġett ieħor hija l-kriżi tal-fidi". Imma osserva wkoll li "fl-Afrika u fl-Asja, fejn hi spiss ippersegwitata u hi minoranza, il-Knisja qed tespandi. Fejn il-Knisja hi Knisja tal-martri, hi wkoll żerriegħa ta' tkattir tal-fidi u ta' xhieda sħiħa għad-dinja".

### *Il-Vjetnam lest għal relazzjonijiet diplomatiċi mas-Santa Sede*

It-televiżjoni statali tal-Vjetnam semmiet id-disponibbiltà biex jitwaqqfu relazzjonijiet diplomatiċi aktar stabbli mas-Santa Sede. Fil-Vjetnam, il-Kattoliċi huma sitt miljuni minn seba' miljun insara. Il-popolazzjoni tal-pajjiż hi madwar 80 miljun, li minnhom 50 miljun huma Buddisti u erba' miljuni tar-reliġjon *Cao Dai*.

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

VERSI RIFLESSIVI

# *Agnes Gonxha Bojaxhiu*
## *(Madre Teresa ta' Calcutta)*



*Kien l-elf disa' mija w' għaxra,*
*minn t'Awissu sitta w'għoxrin,*
*hemm fi Skopje l-Jugoslavja,*
*ġo dar mhux tant minn dawk fqajrin;*

*Fi ħdan koppja Albaniża*
*rat id-dawl ċkejkna tarbija,*
*li għal dak li kellha twettaq,*
*tbissmu l-anġli, ftit mistħija!*

*Fiha raw xebħ kbir fi Kristu,*
*kif 'l għada fil-magħmudija,*
*mal-grazzja, is-salib ħaddnet;*
*t'Agnes l-isem ġiet mogħtiha.*

*L-ewwel xewka li niggżitha,*
*ġiet bil-mewt tassew bikrija*
*ta' missierha, għal għarrieda,*
*biss ta' disa' snin ħalliha.*

*Madankollu, ommha b'fidi*
*u bi spirtu reliġjuż,*
*fit-talb, f'karità rawmitha,*
*f'din nisrani fervoruż.*

*B'din ix-xejra, Agnes magħġuna,*
*sejħa ħasset sa minn kmieni,*
*li tingħata għal kollox 'l Alla,*
*tgħin 'l proxxmu, tarah hieni!*

*Hawn Marija Ommna tas-Sema,*
*lejn Agnes ħarset u tbissmet,*
*waqt 'l għal soru ta' Loreto*
*f'qalbha l-ħajra ħawlet, nisslet.*

*Naraw issa lil Agnese*
*titħarreġ fin-novizzjat,*
*bl-isem ġdid ta' Swor Teresa,*
*fl-Indja, tgħin fl-appostolat.*

*Waqt dil-ħidma tassew siewja*
*Teres m'Alla għamlet patt:*
*li jitlob kulma jitlobha*
*hi ma tiċħadulu qatt!*

*U fi triq'tha lejn Darjeeling,*
*Kristu għamel bħal ma' Sawlu;*
*riedha tbiddel ħidma w sura,*
*f'qalb l-Indjani foqra ssawru.*

*Ma' l-ilbies il-ġdid tas-sari*
*xeddet fuqha wkoll lil Kristu,*
*daħħlet magħha xbejbiet, b'rieda*
*li mal-faqar jaħdmu, jirsistu.*

*Hawn Madre Teres, l-Indjana,*
*b'imġibitha fost l-ifqar fqar,*
*urietha lid-dinja kollha*
*kif tgħix sew Vanġelu ċar.*

*Lil wiċċ Kristu kienet tilmaħ*
*f'wiċċ tfal, trabi, żgħażagħ, xjuħ,*
*jitbissem fl-uġigħ, tbatija,*
*ta' min bata mard u ġuħ.*

*Hekk il-Madre ta' Calcutta,*
*għalkemm fraġli u ċkejkuna,*
*bi tbissima kienet tirbaħ*
*tad-dinja l-għola persuna.*

*Minkejja din it-tbissima*
*ġie l' għaddiet mil-lejl mudlam,*
*tal-prova kif qaddej t'Alla*
*jiġi mġarrab mix-xitan.*

*F'ġieħ il-foqra tgħallmet tirbaħ*
*premijiet diversi, kbar.*
*In-Nobel fost l-għola w l-aqwa,*
*li għen ħafna tagħha d-djar.*

*W hekk meta ż-żmien għalqilha,*
*f'Casa Madre l-muftieħ trodd,*
*Kristu, m'Ommu u ma' l-anġli,*
*b'ferħ laqgħuha għal daqstant frott.*

**Francis Sultana**

SILTIET MID-DISKORS TAL-PAPA LILL-KORP DIPLOMATIKU, 10 TA' JANNAR 2005

# L-ERBA' SFIDI TA' ŻMIENNA

## 1. IL-ĦAJJA

Il-ħajja hi l-ewwel rigal t'Alla . L-isfida tal-ħajja tinvolvi l-ewwelnett **IL-BIDU TAL-ĦAJJA UMANA**.

### SFIDI FIL-BIDU TAL-ĦAJJA UMANA

1. It-tentazzjoni ta' l-abort.
2. Il-prokreazzjoni assistita.
3. L-użu tal-embrijuni għal skop ta' riċerka.
4. L-esperimenti tal-"*cloning*".

• **Dwar l-abort**: It-tagħlim tal-Knisja hu ċar: ħadd ma jista' joqtol.
• **Dwar l-embrijuni**: Dak li jmur kontra l-integrità u d-dinjità tal-embrijun mhux etikament aċċettabbli.
• **Dwar ir-riċerka xjentifika**: din hi ta' min jinkoraġġiha, basta tiġi mħarsa l-Liġi Morali.

### SFIDI LILL-FAMILJA



Il-familja tinsab mhedda:
1. Minn pressjoni soċjali u kulturali li tħeżżeż l-istabbiltà tagħha.
2. Minn liġijiet li huma sfida diretta kontra l-istruttura tagħha bħala għaqda bejn raġel u mara, msejsa fuq iż-żwieġ.

***IMPORTANTI***

***Il-familja qatt ma għandha tiġi mhedda u mminata minn liġijiet li jitilqu minn viżjoni tal-bniedem li tmur kontra n-natura. Il-liġijiet għandhom ikunu mfassla sew u jitilqu minn viżjoni ġusta, pura u għolja tal-imħabba umana. Hekk il-ħażen jintrebaħ bit-tajjeb.***



## 2. L-IKEL

Alla ħalaq id-dinja għammiela, u hawn kwantità u varjetà biżżejjed ta' ikel li jservi mhux biss għall-bnedmin ta' issa iżda wkoll għal li ġej.
Iżda l-istatistiċi jagħtuna figuri li jkexkxuk dwar il-qagħda tad-dinja:
1. **MIJIET TA' MILJUNI TA' BNEDMIN QED IBATU SERJAMENT MIN-NUQQAS TA' IKEL.**
2. **KULL SENA MILJUNI TA' TFAL IMUTU MINĦABBA L-ĠUĦ.**

**X'HEMM BŻONN:**
Jinħtieġ li l-opinjoni pubblika tiġi sensibilizzata dwar din il-problema. Jinħtieġ li l-kapijiet politiċi tal-pajjiżi għonja jagħrfu l-urġenza ta' din il-problema.

### PRINĊIPJU KBIR U IMPORTANTI FID-DUTTRINA SOĊJALI TAL-KNISJA.

Jinħtieġ li kulħadd ikun jaf il-prinċipju li jinsab ukoll miktub fil- "*Compendium tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja*" li hu dan:
**IL-ĠID TAD-DINJA HU DESTINAT GĦALL-UŻU TA' KULĦADD. DAN IFISSER LI KULĦADD GĦANDU DRITT LI JKOLLU AĊĊESS GĦAL-ĠID TAD-DINJA KOLLHA.**

**DMIR TAGĦNA!**
Nimpenjaw irwieħna
- favur **tqassim aktar ġust** tal-ġid tad-dinja.
- u nuru **aktar solidarjetà** billi min għandu jgħin lil min m' għandux. Hekk biss jinqered il-ġuħ.

**IRBĦU L-ĦAŻEN BIT-TAJJEB.**

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**



# 3. IL-PAĊI

Il-Paċi hi l-aqwa ġid tal-umanità. Il-Paċi hi l-aspirazzjoni u l-ħolma ta' kull ġenerazzjoni.

**KEMM GWERER!!!**

Iżda kemm gwerer u konflitti armati qed jinqalgħu bejn il-pajjiżi, gruppi etniċi (minħabba r-razza differenti) u bejn popli!!!

Dawn il-gwerer qed jaħsdu numru bla għadd ta' vittmi nnoċenti, speċjalment fil-Lvant Nofsani, fl-Afrika, fl-Asja u fl-Amerika Latina.

**L-UŻU TAL-ARMI**

-mhux biss iġib **ħerba u danni materjali** inkalkolabbli,

-iżda wkoll ikebbes il-**mibegħda**

-u jżid it-**tensjoni** bejn il-popli.

**IT-TERRORIŻMU**

Barra dan, feġġ il-**fenomenu brutali u diżuman** tat-terroriżmu.

It-terroriżmu hu **flaġell fuq skala globali** li qabel qatt ma rajna bħalu.

*KIF NEGĦLBU L-ĦAŻEN TAL-GWERRA?*

Infittxu t-triqat tal-paċi, b'kuraġġ u bil-paċenzja.

- Flok l-armi tal-gwerra, nużaw l-armi tal-paċi.
- Flok l-arroganza tal-poter nużaw ir-raġuni.
- Flok il-forza nużaw id-djalogu.
- Flok l-armi ppuntati nużaw l-idejn miftuħa.

# 4. IL-LIBERTÀ

Il-Libertà **HI FERM IMPORTANTI**. Irridu nħarsuha u niddefenduha.

-Il-Libertà hi l-ewwel u qabel kollox DRITT ta' kull individwu.

-Il-Libertà ta' kull Stat hi wkoll ħaġa SAGRA.

-Il-Libertà hi għalhekk ĠID KBIR għal kulħadd.

**IL-LIBERTÀ RELIĠJUŻA**

- Fil-qalba tal-libertà umana hemm id-dritt għal-libertà reliġjuża.
- Iżda f'ħafna pajjiżi, id-dritt tal-libertà reliġjuża **mhux irrispettat biżżejjed**.
- Iżda dan id-dritt tal-libertà li wieħed jipprattika r-reliġjon **ma jistax jiġi fgat**.

***L-appell tal-Papa***

Nappella biex:

1. Il-libertà reliġjuża **tiġi garantita** fil- kostituzzjoni ta' kull pajjiż.
2. Jiġi rrispettat **id-dmir u d-dritt** ta' kull bniedem li jipprattika r-reliġjon tiegħu.

**L-EBDA BIŻA'...**

M'għandu jkun hemm ebda biża' li l-libertà reliġjuża mogħtija lill-Knisja ser tirfes il-kamp politiku u tnaqqar mill-kompetenzi tal-Istat. Il-Knisja kapaċi tiddistingwi bejn

- dak li jappartieni lil Ċesari
- u dak li jappartieni lil Alla.

**Kull ma trid il-Knisja hija l-libertà biex tkun tista' twettaq il-ħidma tagħha għall-ġid tas-soċjetà.**



**IL-VERA LIBERTÀ DEJJEM TIMMIRA BIEX TEGĦLEB IL-ĦAŻIN BIT-TAJJEB.**

KTIEB X'TAQRA

# "KITBIET MID-DEŻERT"

**CARLO CARRETTO, traduzzjoni ta' Mons. Albert Curmi, Għawdex, Jannar 2005, pp.92, Lm1.75**




*Dawn il-ġranet ħareġ għad-dawl il-ktieb "Kitbiet mid-Deżert"- "Lettere dal Deserto" ta' l-awtur Taljan Carlo Carretto maqlub f'ilsienna minn Mons. Albert Curmi mill-Fontana.*

*Carretto twieled f'Alessandria fit-2 t'April 1910 u miet fl-4 ta' Ottubru 1988, festa ta' San Franġisk t'Assisi li tiegħu kiteb il-ħajja fid-dettal, billi kien wieħed mill-qaddisin li jsegwi u jammira. L-awtur kiber u trabba f'ambjent sależjan fil-belt ta' Turin u għamel żmien jgħallem fi skola elementari.*

*Wara li spiċċat it-tieni gwerra dinjija Carretto ġie msejjaħ Ruma mill-Papa Piju XII biex jagħti daqqa t'id fl-organizzazzjoni ta' l-Għaqda Nazzjonali ta' l-Għalliema Kattoliċi. Kien imdaħħal ġmielu wkoll fl-Azzjoni Kattolika Taljana (sezzjoni żgħażagħ).*

*Iżda fl-1952, Carlo Carretto kellu jaqbad triq oħra li qatgħetu għal kollox mid-dinja ta' madwaru. Ingħaqad mal-kongregazzjoni reliġjuża ta' l-Aħwa ż-Żgħar ta' Ġesù imwaqqfa minn Charles de Foucauld. Propju fit-8 ta' Diċembru 1954, telaq lejn l-Alġerija biex jibda n-novizzjat tiegħu f'El Abiodh. Hawnhekk għadda 10 snin f'eremitaġġ fid-deżert tas-Sahara fejn qatta' snin twal ta' ħajja kontemplattiva u riflessjoni fis-skiet u fix-xogħol, esperjenza li huwa jirrakkonta f'dan il-ktieb li għandna f'idejna, "Lettere dal Deserto", li Mons. Albert Curmi għadu kemm qaleb għall-Malti bl-isem "Kitbiet mid-Deżert". Ktieb ieħor li ħareġ mill-pinna ta' dar-reliġjuż intellettwali fl-1949 huwa "Famiglia Piccola Chiesa"- il- "Familja Knisja Żgħira" li forsi Mons Curmi, għal tant snin għalliem tat-Taljan fl-iskejjel sekondarji ta' Victoria, għandu mnejn jitħajjar ukoll jaqilbu fi lsienna. Nawgurawlu!*

*Intant, f'din it-traduzzjoni naqraw kif kien jgħaddi l-ħin u jgħix, bogħod mill-għagħa u l-istorbju ta' l-ibliet, dan ir-reliġjuż, wieħed minn sitt aħwa li erbgħa minnhom saru reliġjużi. Fost ħwejjeġ oħra huwa jikteb dwar l- "Indafa ta' l-Ispirtu" u jgħid li jekk il-flus li jintefqu biex tirqaq, u mediċini oħra biex tfejjaq l-effetti li jiġu wara l-ikel żejjed, tal-kontinenti sinjuri ta' l-Ewropa u ta' l-Amerika kellhom jitpoġġew flimkien, kien ikun hemm biżżejjed flus biex titma lil dawk kollha li huma fil-bżonn, dawk li m'għandhomx x'jieklu ġo l-Afrika u l-Asja.*

*Il-ktieb huwa mqassam fi 17-il kapitlu li bejniethom idommu l-esperjenzi xi kultant iebsin ta' l-awtur, li iżda dejjem sab it-tama u s-soluzzjoni f'Alla tiegħu. F'Nazareth huwa jitkellem dwar il-fundatur Charles de Foucauld li twieled fi Strasburg fil-15 ta' Settembru 1858. Kien bniedem sinjur li fil-vini tiegħu kien hemm demm ġej minn nies kburin imdorrijin jikkmandaw. Huwa nnifsu ħa sehem fl-Akkademja Militari ta' San Ċirillu, laqgħa uffiċjali fir-Riġment Franċiż, u fl-età ta' 25 sena mbarka fuq dak li kienu jsejħulu l-akbar avveniment u l-iktar perikoluż fl-esplorazzjoni tal-Marokk. Iżda dan il-bniedem, suldat avventuruż u bla fidi sa minn meta kien għadu l-iskola f'Nancy, f'salt wieħed beda jħobb lil Kristu fl-ispirtu ta' San Franġisk. F'każijiet rari kont issib raġel daqshekk ippassjonat biex jagħraf il-ħajja ta' Ġesù Kristu. De Foucauld ried jippriedka l-Vanġelu bil-ħajja tiegħu stess. Huwa kien konvint li l-iktar mod effettiv tal-priedki kien li tgħix dak li tgħallem.*

*Mhux possibbli li noqgħod nikkummenta fuq kull taqsima tal-ktieb. Nissuġġerilkom li tiksbu kopja tiegħu. Huwa xogħol mimli tagħlim miktub ħafif u b'tipa ċara ħafna li tinqara bla tbatija.*

*Il-ktieb fih daħla ta' Ivan Illich u mhux goff biex iġġorru miegħek. Grazzi lil Mons. Albert Curmi, awtur ta' rumanz u ġabra ta' essays li m'ilhiex li ħarġet, li tana din it-traduzzjoni "Kitbiet mid-Deżert"*

*Kav. Joe M. Attard*

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 132

Riċerka ta' Joseph Bezzina
©2005

# DAWRA MAT-TORRI TA' MĠARR IX-XINI

Id-dokument numru mija u tnejn u tletin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti f'rendikont ta' tiswijiet li saru fit-torri ta' Mġarr ix-Xini. L-ispiża tinsab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1704–1705), folju 22r (NAG, UG, Acta, 9/1704–1705, f. 22r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni ta' l-ewwel parti tad-dokument:

**Pro Signore Notaio Aloysio Grech, giurato e tesoriere, di questa Università del Gozo ricevete l'infrascritta somma che d'ordine nostro in vigor della licenza concessaci dall' Illustrissimo ed Eccellentissimo Signor Senescalco per lettera spedita li 3 luglio 1703 rispetto alli uncimi e riparamenti necessarie da farsi nella torre di Mgarr ix-Xini havete speso, cioè...**

Tliet mit sena ilu, l-*Universitas* għamlet dawra kif imiss mal-postijiet tad-difiża tal-gżira. Fl-aħħar numru semmejna t-tiswijiet fil-gardjola taċ-Ċittadella; din id-darba fit-torri ta' Mġarr ix-Xini. It-tiswijiet kienu ordnati mis-Siniskalk, il-kavallier responsabbli mid-difiża, nhar it-3 ta' Lulju, 1703.

It-torri nbena fl-1661 mill-*Universitas* u kien mgħammar bl-artillerija mill-Kavallieri. Hu mibni u mqassam bħat-torrijiet li nbnew Għawdex u Malta fl-istess żmien: għandu forma kwadra, b'żewġ sulari, u b'imrammi ħoxnin ħafna ħalli jkun jiflaħ għall-balal tal-kanuni. Tidħol għalih b'pont li bil-lejl kien jittella' għal iktar sigurtà.

L-ewwel spejjeż huma marbuta ma' dan il-pont: żewġ travetti, fallakki ta' ħxuna mdaqqsa, għall-art tal-pont u tnejn oħra għall-ġnub, b'kollox 20 irbigħi, u tavlun ieħor, imsemmi iktar 'l isfel, 5 irbgħajja; bieb ġdid għall-polvrista, 2 skuti u 6 irbgħajja; żewġ twieqi ġodda fil-kamra ta' l-ajjuttant, skut u 8 irbgħajja; bieb ġdid għall-istess kamra, skut u 8 irbgħajja oħra; sellum b'għaxar skalluni, 10 irbgħajja; żewġ serratizzi, irbiegħi u 10 ħabbiet; ratal imsiemer u taċċi, skut u 10 ħabbiet.

Ix-xogħol sar mill-mastrudaxxa Xmun Cassar u ibnu u damu jaħdmu tliet ijiem. Tħallsu b'kollox skut u 3 irbgħajja. Rafel Tabuni, ħaddied, tħallas 10 irbgħajja għal tmien ċappetti – jiġi li kull ċappetta qamet irbiegħi u 5 ħabbiet. Dan Tabuni tħallas 10 irbgħajja oħra għal żewġ serraturi, waħda għal rixtellu u l-oħra għall-armarju. Tħallsu wkoll 9 irbgħajja għal żewġ ktajjen u tliet ħoloq. Il-burdnar li bil-bhima tiegħu ġarr il-materjal sat-torri tħallas żewġt irbgħajja.

L-ispiża telgħet b'kollox is-somma ta' 14-il skut, 3 irbgħajja, u żewġ ħabbiet, kważi *Euro3*. Dawn huma spejjeż li l-Università kien ikollha tagħmel ta' sikwit għax billi t-torri kien mal-baħar, ir-raxx mielaħ kien jherri kollox.



TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (34)



# IT-TRINITÀ QADDISA Misteru Ewlieni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(Jaqbad mal-aħħar ħarġa)*

## 4. It-Teoloġija Trinitarja.

It-Teoloġija kollha hija mibnija fuq ir-Rivelazzjoni Divina, u t-teoloġi nsara meta jitkellmu fuq il-misteru tat-Trinità Qaddisa jibnu tagħlimhom fuq id-dati rivelati li hemm fl-Evanġelju u fil-kotba l-oħra tar-Rabta l-Ġdida.

Nistgħu ngħidu li matul l-istorja jew fl-iżvilupp teoloġiku, kien hemm tliet stadji fil-formulazzjoni Trinitarja tal-Fidi Nisranija (Carlo Molinari, "*La Fede Professata*", paġ. 80):

Fl-ewwel stadju jew tappa nsibu l-espressjoni biblika. li tittraduċi l-esperjenza tas-salvazzjoni kif intepretata mill-ewwel kommunitajiet insara: Alla f'Ġesu Kristu jsemma' l-kelma tiegħu u permezz tagħha jagħti d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.

Fit-tieni stadju, biex ifissru b'xi mod ir-realtà divina f'orizzont ta' l-ekonomija tas-salvazzjoni, il-Missirijiet tal-Knisja Orjentali u speċjalment il-Kappadoċi jużaw xi kategoriji jew termini filosofiċi, bħal '*prosopon*' u '*hypostasis*' ċioè l-persuna, u '*fusis*' n-natura.

Fit-tielet stadju, wara Sant' Wistin u ma' San Tumas it-teoloġi skolastiċi fl-Oċċident għamlu tentattiv biex jesprimu l-istess realtà divina billi jħarsu lejha fiha nfisha. Ma baqgħux biss fl-orizzont ta' l-ekonomija tas-salvazzjoni billi jiffokaw fuq Alla bħala Salvatur tal-bnedmin, imma ipprovaw ukoll biex jitkellmu dwar il-ħajja intima t'Alla billi jitilqu mill-kontemplazzjoni fuq il-bniedem, li, kif tgħallimna l-Bibbja, huwa rifless u xbieha ta' Alla, speċjalment fis-setgħat spiritwali tiegħu, tal-intellett u l-volontà.

Kif għidna meta konna nitkellmu dwar il-bażi biblika tad-duttrina trinitarja, Kristu nnifsu stqarr li Huwa ġie mibgħut mill-Missier, ċioè irrevela l-missjoni tiegħu; u qal ukoll li hu jibgħat l-Ispirtu s-Santu. Mir-rivelazzjoni biblika, li l-Iben ġej mill-Missier u l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben, il-Knisja kkonkludiet li f'Alla hemm tliet persuni, realment distinti minn xulxin. Matul is-sekli l-Knisja approfondiet u iċċarat dejjem iktar il-verità tal-Misteru tat-Trinita Qaddisa li diġa hija kienet tippossiedi sa miż-żmienijiet ta' l-Appostli u ta' warajhom.

Sant' Wistin, waqt li mexa fuq it-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja tal-Lvant, speċjalment taż-żewġ Gregorji, Nissjenu u Nazjanzenu, ta l-kontribut oriġinali tiegħu billi għaraf u innota li f'Alla, id-distinzjoni reali jew l-għażla bejn il-Persuni hija dovuta għar-relazzjonijiet varji u skond l-oriġini tagħhom tat-Tieni u tat-Tielet Persuna. L-Iben huwa distint mill-Missier, għaliex Huwa ġej mill-Missier, u allura dan mhux l-istess persuna li huwa l-Iben; l-Ispirtu s-Santu huwa distint mill-Missier u mill-Iben, għaliex ġej minnhom għad li minn prinċipju jew fonti waħda. Kull waħda mit-tliet Persuni hija f'relazzjoni mal-waħda jew mat-tnejn mill-persuni l-oħra; il-Missier huwa dak li jnissel sa minn dejjem lill-Ibnu, u l-Ispirtu s-Santu li huwa spirat mill-Missier u mill-Iben. Mir-relazzjonijiet eterni li jeżistu fi ħdan it-Trinità, nikkonkludu li f'Alla hemm Tliet Persuni.

San Tumas t'Aquino żviluppa il-ħsieb li kien jinsab ukoll f'Sant' Wistin, u bih tana tagħlim dwar l-Intelligenza u r-Rieda fi ħdan it-Trinità Qaddisa. Fl-att sempliċi ta' l-eżistenza ta' Alla, li huwa ħaġa waħda fin-natura jew essenza tiegħu, hemm l-intellett u l-volontà divina. San Tumas jiddependi ħafna mit-terminoloġija biblika, fejn l-Iben jissejjaħ "il-Verb Etern", "il-Kelma" u "is-Sapjenza" jew "l-għerf" ta' Alla" u jispjega li l-Iben huwa mnissel mill-Missier, b'ġenerazzjoni jew tnissil intellettwali, ċioè jipproċiedi mill-intellett tal-Missier. Għall-Ispirtu s-Santu, San Tumas juża l-kelmiet "Pleġġ", "Fjamma", "Nifs" jew "Spirtu" u għalhekk jiddeskrivih bħala l-imħabba sussistenti, ċioè teżisti bħala persuna, li hija r-rabta bejn il-Missier u l-Iben. (cfr. Gerard S. Sloyan, "*The Trinity*", pp23-24). Alla huwa spirtu pur, u l-att ewlieni ta' min hu spiritu huwa li jifhem u jagħraf bl-intelliġenza tiegħu. Mela, Alla li jagħraf lilu nnifsu sa mill-eternità, għandu għarfien sħiħ u perfett tiegħu innifsu. Dan l-għarfien ma huwiex biss ħsieb li jgħaddi u jmur, kif ikun fina l-bnedmin, iżda għarfien li huwa xbieha ħajja ta' Alla nnifsu u persuna reali u ħajja. Alla li jagħraf lilu nnifsu huwa Alla, il-Missier Etern; Alla magħruf minn persuna oħra, huwa Alla l-Iben, imma dejjem l-istess Alla wieħed. Għalhekk ngħidu li fil-waqt li l-Missier ma hu ġej minn ħadd, l-Iben hu

ġej mill-Missier; hija proċessjoni jew emanazzjoni interna, u din issir b'ġenerazzjoni intellettwali, ċioè li tipproċiedi mill-intellett divin.

It-teoloġi jużaw il-paragun ma' l-attività spiritwali tal-fakultajiet umani; meta l-bniedem juża l-intellett tiegħu biex jifhem xi ħaġa, jiġi ifformat kunċett jew idea li tipproċiedi mill-intellett u b'hekk jitnissel il-kunċett li jista jiġi espress anki esternament permezz tal-kelma. Il-kunċett, jew idea espressa bil-kelma, ġej mill-kelliem, imma tibqa fih għad li jista juri esternament lill-oħrajn il-kunċett tiegħu permezz tal-kelma li jlissen; difatti xorta waħda jibqa jżomm f'moħħu l-ħsieb jew kunċett li għandu, kollu kemm hu, u bla mittiefes. Fit-Trinità, kif jispjegawlna t-teoloġi, l-Iben huwa l-kunċett tal-Missier, il-Verb jew il-Kelma tiegħu, iżda l-Missier ma jitlef xejn mill-perfezzjoni tiegħu billi l-Iben jipproċiedi minnu. Fina l-bnedmin, il-kunċett ifformat mill-intellett huwa simili għall-oġġett li jirrappreżenta; hekk ukoll, b'analoġija ngħidu li l-Kunċett, jew il-Verb, li hemm fil-Missier jixbaħ Lilu perfettament u huwa xbieha ħajja Tiegħu. Imma f'Alla, il-Kunċett Divin jew il-Kelma mhux att transitorju bħal ma huwa fina l-bnedmin, iżda huwa realtà sussistenti jew persuna li teżisti ħaġa waħda man-natura ta' Alla.

Barra minn hekk, Alla l-Missier u Alla l-Iben iħobbu lil xulxin sa mill-eternità. Dan l-att tar-Rieda Divina jew Imħabba reċiproka bejn il-Missier u l-Iben, hija Persuna ħajja, li tissejjaħ l-Ispirtu s-Santu, għaliex hija spirata minnhom jiġifieri ġejja mill-Imħabba jew ir- Rieda tagħhom u bejniethom.

Iktar fil-qosor, nistgħu ngħidu li l-Missier, waqt li jikkontempla u jagħraf Lilu nnifsu, jiġġenera x-xbieha ħajja tiegħu, ċioè l-Iben li jissejjaħ il-Verb jew il-Kelma, u din hija l-ġenerazzjoni eterna tal-Verb. Waqt li jħobbu lil xulxin, il-Missier u l-Iben jispiraw l-Ispirtu s-Santu, li huwa t-terminu ta' l-imħabba tagħhom u r-rabta ta' bejniethom li ma tinħall qatt, u din hija l-proċessjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-proċessjoni attiva ta' l-Ispirtu s-Santu li t-teoloġi jsejħulha 'spirazzjoni' hija komuni għall-Missier u għall-Iben. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Iben kif ġej mill-Missier, u għalhekk huwa mibgħut kemm mill-Missier u kemm mill-Iben; difatti, skond kif hemm fl-Evanġelju, l-Ispirtu s-Santu jirċievi mill-Iben, u jissejjaħ ukoll l-Ispirtu ta' Kristu.

B'mod iktar sempliċi jista jingħad ukoll li Alla l-Missier jagħraf Lilu nnifsu u jara, qisu f'merà, fih innifsu bħal xbieha ħajja u eterna l-Iben Divin tiegħu u Dan ukoll jara f'Alla l-wiċċ tal-Missier. Minn din il-kontemplazzjoni reċiproka ġejja l-imħabba eterna u ħajja, jiġifieri l-Ispirtu s-Santu. It-tfal u l-insara l-oħra jifhmu u jitgħallmu iżjed dwar min hu l-Ispirtu s-Santu u dwar dak li jagħmel, meta jxebbhuH ma' riħ qawwi u ma' ilsna tan-nar fil-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin, kif naqraw fl-Atti tal-Appostli (Cfr. A. Burgardsmeier "*L'Educazione Religiosa alla luce della psicologia*", paġ 158).

Mod ieħor kif nistgħu nitkellmu dwar il-Misteru Trinitarju, jekk nitilqu mill-aspett ta' Alla li huwa mħabba (I Gw.4,8), huwa dak li nsibu fil-ktieb ta' Fr. Gabriel of St Mary Magdalen O.C.D. "*Divine



"It-Trinità" ta' Dionisju, ikona Russa tas-Seklu 15. Hawn it-Trinità hija mxebbha ma' tliet anġli madwar mejda, simbolu ta' l-Ewkaristija.

*Intimacy*", paġ 697: "Fi ħdan is-Santissima Trinità, il-Missier jikkummunika lill-Iben d-divinità tiegħu kollha u l-essenza tiegħu, l-ħajja, t-tjubija u l-beatitudni divina tiegħu; fil-waqt li l-Missier u l-Iben flimkien jikkomunikaw l-istess divinità lill-Ispirtu s-Santu. Il-Misteru tat-Trinità Qaddisa jikkonsisti preċiżament f'din il-kommunikazzjoni jew għotja essenzjali, totali, neċessarja u assoluta. Fiha nsibu l-espressjoni l-iktar sublimi tal-assjoma: "*Bonum diffusivum sui*", ċioe, it-tajjeb jifrex it-tjubija tiegħu nnifsu. L-ewwel Persuna huwa dak li jħobb, ċioè il-Missier; it-tieni Persuna hu l-maħbub, jiġifieri l-Iben; u t-tielet Persuna hu l-imħabba ta' bejn il-Missier u l-Iben.

In-nisrani juża l-formula trinitarja u jitkellem dwar Alla, Prinċipju, bidu ta' kollox, l-Missier Etern; u dwar il-"Verb", il-Kelma ċioè l-Iben Etern; u dwar it-Tielet Persuna, l-Ispirtu s-Santu li ġej minnhom it-tnejn. Flimkien, madanakollu, b'dawn l-espressjonijiet in-nisrani m'għandux jippretendi li sejjer jiddeskrivi r-realtà ta' Alla kif inhu fih innifsu, iżda Alla kif wera ruħu fl-istorja tas-salvazzjoni, kif tgħixha u tinterpretaha t-tradizzjoni nisranija. Għalhekk ngħidu li l-formuli trinitarji għandhom jintużaw f'orizzont jew sfond "ekonomiku" mill-kelma "ekonomija" li fil-kuntest teoloġiku tfisser l-ekonomija, salvifika, jew il-pjan tas-salvazzjoni li wettaq Alla biex jifdi l-bnedmin (Ara: Carlo Molinari, "*La Fede professata*", p 79- 83).

(*jissokta fil-ħarġa li jmiss*)




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tlieta u Tletin Parti )*

**(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)**

## IL-MIŻBLA

**It-taħmil ta' l-imqawel u ta' l-istalel jinxteħet gozz fil-bitħa jew fil-mandra fejn jinġema' d-demel, u f'din il-bitħa jew mandra tinġema' dik li tissejjaħ il-miżbla. Dari dawn il-btieħi ma kienx ikollhom l-art tal-konkos, imma kienet tkun torba, u għalhekk, is-sugu tad-demel kien jinxtorob mill-art u jintilef. Barra minn dan, il-mandra jew il-bitħa tkun għall-arja, mikxufa għax-xemx, għar-riħ u għax-xita.**

Xi bdiewa dari kellhom id-drawwa, bħalma x'uħud għad għandhom sa llum, li jġorru d-demel ġol-għalqa, jagħmluh munzell u jħalluh hemm, xi drabi fl-eqqel tas-sajf għal xhur sħaħ, qabel ma jitħajru jagħżqu u jordmuh. Irridu niftakru li d-demel li jkun għall-beraħ, fix-xemx u fix-xita, tiġrilu ħsara kbira, għax jitlef wisq mis-sustanzi li fih. Jonqos fil-piż għax jitlef ħafna ilma u jinxef, imma ma' l-ilma jtiru wkoll fl-ajru u jintilfu ħafna mis-sustanzi li fihom l-*azotu* (ammonjakali). Jiġifieri d-demel jitlef dik il-parti li tiswa l-iżjed flus! Im'n Alla li l-qalba tibqa' tajba għax kieku t-telf ikun ikbar.

Għalhekk, hu importanti li l-miżbla tkun imgħottija biex ix-xemx, ir-riħ u x-xita ma jħarbtux is-sustanzi msemmija; imbagħad jeħtieġ ukoll li l-bidwi ma jġorrx id-demel għall-għalqa ħlief meta jkun se jagħżaq u jordmu ħalli ma jħallihx ġranet jew ġimgħat jixxemmex u jixxawrja (jitlef l-indewwa jew umdità), u jitlef mill-qawwa tiegħu.

L-aħjar ħaġa wkoll, hi mandra jew bitħa bl-art tas-siment u maqluba għal ġo fossa biex hawn ikunu jistgħu jiġmgħu u jsajru d-demel. L-awrina u s-sugu tad-demel ikunu jistgħu jiskulaw għal ġol-fossa ħalli mbagħad dawn jintrefgħu u jinxteħtu fuq il-ħxielef u ż-żibel frisk biex jeħmru u jsiru demel. Dan hu meħtieġ ukoll billi f'pajjiżna d-demel x'aktarx ikun niexef. Hija ħaġa ta' bżonn kbir li l-awrina ma tintilifx, u tinġema' biex tingħata lir-raba' mat-tisqija tal-għelejjel jew biex tintefa' fuq il-miżbla. Min irabbi l-baqar tal-ħalib u l-barrin għal-laħam, irid ikollu l-fossa kbira biżżejjed u mbattma tajjeb biex l-awrina tal-bhejjem tiegħu ma tintilifx.

Il-miżbla fil-mandra jeħtieġ li tkun imgħottija, mhux mix-xita l-aktar, imma mix-xemx li tagħmlilha ħsara kbira. Dan is-saqaf biżżejjed ikun ta' ftit twavel ta' l-iżmizzat (injam inferjuri) jew folji qodma tal-ħadid galvanizzat, imċiegħed (*corrugated iron*) jew xi ħaġa oħra li tilqa' jew tkisser ix-xemx. Kannizzata mxebilka bid-dwieli jew bil-qargħa, ma tkunx daqstant tajba minħabba li, waħda fix-xitwa tkun bla weraq u l-oħra tkun għadha ma saritx, imma aħjar mix-xejn. Tajjeb li l-mandra tkun imrewża, imma fl-istess ħin trid tkun imkenna biex ir-riħ ma jibqax għaddej u jerfa' s-sustanzi tad-demel. Jekk jista' jkun il-ġenb il-miftuħ tal-miżbla għandu jħares lejn it-tramuntana.

### *It-Taqlib tad-Demel*

It-taqlib tad-demel hu ta' fejda daqs il-ħmieġ tiegħu. Meta jitqalleb, id-demel jeħmer, isir u jriqq. Il-ħxielef jeħmru u jitfarrku. Bit-taqlib id-demel jitħallat sewwa u jsir ħaġa waħda. Id-demel għandu jitqalleb imqar darbtejn qabel ma jinġarr għal ġol-għalqa, b'xi ġimagħtejn jew xahar bejn taqliba u oħra. Jekk ikun niexef iżżejjed irid jixxarrab bl-ilma jew jitnidda, l-aħjar bl-awrina biex ifittex jeħmer u jsir.

Il-bidwi jista' jħalli t-taqlib tad-demel għal meta ma jkollux xogħol ieħor fir-raba' għax dan it-taqlib jista' jsir imqar fix-xita nieżla. It-taqlib jista' jsir bl-imgħażqa jew bil-furketta tad-demel (bħal

midra), u bihom il-bidwi jqalleb u jgeddes id-demel, u jagħmlu munzell f'rokna tal-mandra. Il-munzell jew gozz m'għandux ikun ogħla minn tmint ixbar biex id-demel ta' taħt ma jirtassx wisq b'dak ta' fuqu u biex l-arja tinfdu minn kullimkien u hekk jeħmer malajr mingħajr ma jisħon iżżejjed u jsir iżjed malajr. Id-demel, jekk jeħmer u jisħon wisq, waqt li jkun xi ftit niexef, jista' jaqbad jew jieħu n-nar waħdu, u minn munzell demel ma jibqax ħlief qabda rmied. Meta d-demel jitqalleb u jitgeddes wara li jkun ħemer nofsu u qdiem, u aktarx li qatt ma jkun hekk niexef li jaqbad malajr. Demel marsus u stagnat fuq il-qiegħa tal-mandra ma tantx jeħmer malajr u jdum żmien twil biex isir, u għalhekk irid jitqalleb u jitgeddes biex iħeff u tinfdu l-arja, u ma jibqax imtajjan jew miblul iżżejjed.

### Id-Demel fil-Għalqa

Id-demel misjur u lest m'għandux jinġarr għal ġol-għalqa qabel ma jasal il-waqt li jingħażaq u jirtadam. Xi bdiewa jġorru d-demel u jħalluh gzuz gzuz ġo l-għalqa s-sajf kollu sa minn Mejju. Meta l-bidwi jġorr id-demel għal ġo l-għalqa u jħallih jixxemmex u jinxef, jagħmel ħażin għax id-demel jitlef wisq mis-saħħa tiegħu. Meta jiġri dan id-demel iħeff u ftit ikun jiflaħ jaħdem u jrabbi l-uċuħ tar-raba'. Għalhekk il-bidwi qatt m'għandu jħalli d-demel għal ħafna ġranet jinġema' fix-xemx u r-riħ qabel ma jagħżqu u jordmu.

### Il-Għażiq bid-Demel

Il-għażiq bid-demel għandu jsir b'mod li d-demel l-egħlejjel isibuh malajr u jgawduh sewwa. Qabel xejn il-għażiq ma jsirx l-istess f'kull art.

Fit-tafli, fil-grass, fiż-żejtni, u fit-tqil, tajjeb li tinżel kemm tista' biex l-art tinħadem u tħeff, u l-għeruq jinfduha malajr, u fis-sajf jinfirxu malajr għal fuq it-tira. Dan il-għażiq, imsejjaħ ukoll ksir ir-raba', jew għażiq bil-banek, dari konna narawh fejn jagħmlu l-bettiħ ta' Spanja u l-bettiħ isfar, u fejn jitrabba l-qoton u l-pastard tal-bagħli.

Fil-ħamri mrammel u ħafif, jew fil-ħerbi, jagħmel ħażin min jordom id-demel fil-fond. F'dan ir-raba' l-ewwel ma tinżera' l-patata u għelejjel li ma jinżlux wisq 'l isfel b'għeruqhom, u għalhekk, jekk id-demel ikun fil-fond, idumu ma jilħquh, u x-xitla ma tiżbidx minnu kemm hemm bżonn biex il-frott iwassal daqskemm imissu.

Għat-tixrid fil-wiċċ id-demel irid ikun iżjed misjur u rqiq minn demel ieħor biex jinħadem aħjar u biex ma jeħmerx wisq waqt it-tnebbit taż-żerriegħa. Dan igħodd għal kull wiċċ u għal kull żrigħ, imma l-iżjed għaż-żrigħ tal-patata tar-rebbiegħa jew tas-sajf, fuq wiċċ ta' patata tax-xitwa, u fuq wiċċ ieħor li ma jkunx laħaq inkedd wisq wara li jkun ingħażaq sewwa.

### Ksir l-art jew Għażiq bil-banek

Ksir l-art jew għażiq bil-banek għoddhom ifissru l-istess, waħda tingħad l-aktar Għawdex u l-oħra Malta. Dan ix-xogħol kien isir dari qabel ma daħlu l-imħaret u t-*tractors* tan-nar li jaqilbu l-art mill-qiegħ. Il-għodda li kienet tintuża kienet il-fiesa, il-gorxin jew anki xi fies. Għalhekk issa se ngħidu xi ħaġa żgħira fuq għażiq bħal dan u kif kienu jinqdew bid-demel f'għażiq bħal dan.

Il-ksir, il-għażiq fil-fond, il-banek, ikunu fondi jew qosra skond it-tip ta' raba' li jkun. Aktar ma jkun grass ir-raba', aktar ikunu fondi; aktar ma jkun



ramli u ħafif, aktar ikunu qosra. Mela f'raba' mrammel, raba' ħerbi jew raba' bajjad, il-ksir jew il-banek kienu jkunu fil-qasir, imbagħad fil-qiegħ tar-radda jew tal-bank, jingħażaq jew jinħarat fil-fond biex l-art tinħadem u tinfetaħ, u fl-aħħarnett kienu jxerrdu d-demel u jiġbdu l-bank l-ieħor.

Hemm ukoll min kien jiġbed il-bank fil-fond biex iqallbu l-art, imbagħad igħaddu l-qiegħ tal-bank bis-sikka jew jew bil-fies u jiġbdu radda trab minn fuq u jwittuh fuq il-qiegħ tal-bank biex il-qiegħ jirtafa', qabel ma jxerrdu d-demel. B'hekk malli tinbet il-patata minnufih għeruqha jsibu ruħhom fuq id-demel u x-xitla tikber b'saħħitha, u tagħmel kemm imissha.

Min kien irid jiżra' l-patata fina jew patata oħra tas-sajf, fuq it-tafli u t-tqil kien aħjar li jxerred id-demel fil-wiċċ, imbagħad jaqilbu taħt bil-moħriet (tal-bhima) jew bil-fies, biex jibqa' madwar l-egħruq tax-xitla malli tiġi biex tbid. Il-patata tbid tfisser meta x-xitla tibda tgħaqqad il-patata taħt l-art. Wieħed qatt ma kellu jxerred demel fil-wiċċ aktar milli jista' jingħażaq u jirtadam matul dak in-nofs ta' nhar meta jagħżaq biex ma jinħatafx bix-xemx u bir-riħ.

### *Il-Prezz tad-Demel*

Id-demel iġib prezz għoli, u min ikun irid jixtri jħossha tqila jonfoq kemxa ġmielha, imma bla demel il-wiċċ ma jagħmilx. Għalhekk, il-bdiewa dari kienu jgħidu li r-raba' ma jgħoddx għal min m'għandux bhejjem, għax mhux biss dawn jagħlifhom ħxejjex u xi prodotti oħra tar-raba' li kieku kienu jintilfu jew jinbiegħu bi rħis, imma wkoll għax ir-raba' jitlob id-demel, u min irabbi l-annimali aktarx li jkun jista' jlaqqat u jiġbor id-demel li jkollu bżonn.

### IT-TIDMIL

Il-ħamrija biex tkun għammiela jeħtieġ li tiddemmel. Id-demel li jagħmel ir-raba' fertili jiġi jew minn fdalijiet tal-ħxejjex u s-siġar, inkella mill-ġmieħ u l-iskart li jinġabar minn taħt saqajn il-bhejjem tar-razzett. Dan it-tip ta' demel huwa naturali u juri kif in-natura tirriċikla l-ħażin li jarmu l-pjanti u l-annimali biex ħxejjex u siġar oħra jikbru iktar b'saħħithom.

Hemm ukoll tip ta' demel ieħor imsejjaħ 'artifiċjali' bħalma huwa n-Nitrat tas-Soda taċ-Ċili,





is-sulfat ta' l-ammonja li jitqassam u jitferrex fir-raba' biex l-uċuħ jikbru aħjar u jirrendu iżjed.

Id-demel jista' jingħata lill-art jew billi jitferrex f'wiċċ ir-raba' qabel ma jsir il-ħart jew il-għażiq, inkella, kif igħidu f'Malta, bil-bank, jiġifieri l-ewwel jitħaffar bħal gandott kemm xejn fond, imbagħad jitgħatta bil-ħamrija fil-waqt li titħaffer radda oħra li terġa' timtela bid-demel, li mbagħad jerġa' jirtadam u jibqgħu sejrin hekk.

Fil-każ tas-siġar id-demel jista' jingħata fil-konka billi jitferrex fil-wiċċ ta' l-art, inkella bil-banki. Jingħad li s-siġar ta' l-agrumi jew taċ-ċitru jmorru aħjar jekk id-demel jingħatalhom bil-banki.

L-aħjar żmien li fih wieħed jista' jdemmel l-art hu dak ta' wara Santa Marija - Awissu, Settembru u Ottubru, meta allura terġa' tibda s-sena tal-biedja. Id-demel jitħammel mill-inqawel u jinġarr bix-xkejjer lejn l-egħlieqi. L-ewwel jitqassam fi gzuz mal-għalqa kollha, imbagħad jitferrex fil-wiċċ tal-għalqa ħalli wara jsir il-għażiq jew il-ħart. Dari d-demel kien jiqassam fir-raba' wkoll qabel ma l-bdiewa jibdew jiksru l-ħamrija bil-gorxini u bil-fisien.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57, St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett





Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# 2. IL-BELVEDER
## Ġawhra Naturali tal-Qala



*Essay ta' Jessica Xerri mill-Qala (6th Form, Skola Sekondarja Sir M'Anġ Refalo)*



**Il-Belveder li jinsab fin-nofsinhar tal-Qala hu tefgħa ta' ġebla l-bogħod minn dari. Meta tkun ġurnata sabiħa ma nonqosx li niskappa sa fuq il-Belveder u nitpaxxa bil-veduta pittoreska tat-tliet gżejjer l-oħra, Malta, Kemmuna u Kemmunett. Mhux l-ewwel darba li tisma' lil xi turisti jgħidu: "*This view is breathtaking*", u fil-mawra qasira li jagħmel kull turist f'Għawdex qatt ma jonqos li jiġi jgawdi din il-veduta famuża. Forsi aħna li nistgħu ngawduha kull xħin irridu, ġie li ninsew kemm għandna x'napprezzaw, imbagħad tieqaf u tirrifletti kemm hu sabiħ il-ħolqien. Kien aktarx fis-sebgħinijiet li ddeċidew li jaħtfu l-oppurtunità u jiżviluppaw din iż-żona għall-poplu tal-Qala, biex ikollu veduta xi jgawdi. Din is-sena, il-Belveder gie mogħti dehra mill-isbaħ mill-Kunsill Lokali tal-istess raħal.**

Fis-sajf u fil-ġranet sbieħ matul is-sena, il-Belveder kien u għadu l-post fejn wieħed jista' jmur jistrieħ u jitpaxxa b'dik l-arja friska, biex jgħid kelma mal-ħbieb li jintasbu bil-qiegħda fuq xi bank, iħarsu lejn il-baħar blu u kalm, u jirrilassaw. Il-vapuri jaqsmu l-fliegu, laneċ bit-turisti, "*speed-boats*" li jġiegħluk tixtieq tkun ġo xi waħda minnhom, huma qrib biżżejjed biex titpaxxa bihom u huma 'l bogħod biżżejjed biex ma jdejqekx il-ħoss tagħhom.

Peress li fil-Qala sa ftit żmien ilu, ma kellniex '*playing-field*', dan kien l-uniku post fejn it-tfal kienu jqattgħu s-sajf jew parti kbira mis-sajf, jilagħbu logħob folkloristiku bħal : "Ara Ġejja l-Mewt Għalik", Noli, Passju, qbiż bil-ħabel u xi logħob ieħor li t-tfal jivvintaw b'mod spontanju.

Billi Malta tidher ċar minn fuq il-Belveder, fi żmien il-festi ta' Malta tara dilettanti tan-nar sa tard bil-lejl, bilqegħda fuq bank, jistennew in-nar ta' l-irħula Maltin tiela' u tismagħhom jispjegaw x'tip ta' murtali huma u min jistagħġeb kemm kien sabiħ u min imaqdar li m'għandhom xejn. Ma ttihomx tort, la dan kollu jiġri quddiem għajnejhom, xi ħaġa jridu jgħidu! Jiċċajtaw bejniethom meta jaraw il-laneċ ipassu qrib Kemmuna biex jidħlu fil-*Blue Lagoon* biex hemmhekk ix-xalaturi jqattgħu sas-sigħat bikrin ta' filgħodu jieklu, jixorbu, jdoqqu, jiżfnu u forsi anke jgħumu. Fi żmien il-lampuki tara luzzijiet telqin 'l bogħod biex is-sajjieda jaqilgħu l-ħobża tagħhom. Imbagħad tara li tant waslu 'l bogħod li ma tibqax tara għajr tikka dawl fejn l-oħra, inemnem...

Mhux l-ewwel darba tara familji jġibu ikla tipika Maltija magħhom; ħobż, tadam, żejt, ġobon, żebbuġ, kappar u xi flixkun inbid, u tarahom li qed jinżlilhom għasel mad-deżerta tal-veduta. Hawnhekk nixtieq niġbed l-attenzjoni lil kull min juża l-Belveder, biex jieħdu gost kemm jixtiequ, jieklu kemm iridu u jilgħaqu l-ġelati kemm jifilħu, imma jekk jogħġobkom, ħallu l-Belveder nadif, għax anke min mhux nadif japprezza l-indafa.

Fil-ġranet tax-xitwa n-nies jonqsu minħabba l-kesħa. Imma l-veduta tinbidel ħafna għall-aħjar. L-għelieqi jkunu iktar sbieħ maħduma mill-ftit bdiewa



*(Ritratt: Ħajr lill-Kunsill Lokali, Qala)*

li għad fadal. Twapet ħodor ta' ħaxix, twapet ħomor tas-silla, twapet sofor ta' l-ingliża u narċis, maqsuma bil-ħitan tas-sejjieħ, titgħaxxaq thares lejhom. Il-ħsejjes ta' l-imħaret tismagħhom kull filgħodu, sejrin lejn l-għelieqi li jiġu taħt ix-xifer tal-Belveder, bil-bidwi jsuqhom biex imur jagħmel siegħa jieħu ħsieb l-uċuħ tiegħu. Kemm ikun jidher hieni l-bidwi jiekol gidma ħobż ma' kikkra kafè ġo l-għalqa tiegħu, għall-kwiet. Imbagħad jerġa' jkompli jew jaqla' l-patata, jew jaqla' l-ful jew il-piżelli. Ħaxix bnin li taf tagħti n-natura mingħajr bexx u '*sprays*' li tant jagħmlulna ħsara.

Meta jkun ħafna maltemp, ġie li tlaqt lejn il-Belveder biex nistrieħ ftit mill-istudju u nintasab ġo rokna għall-kenn, u minn hemm nara kemm il-vapur għandu x'jissielet biex jaqsam din in-naqra baħar li hemm bejn Malta u Għawdex. Tiela' u nieżel, tiela' u nieżel, qalbi nħossha tieqaf meta nara l-vapur nieżel ma' kull radda ta' mewġa u kultant nibża' li ma jerġax jitla'. Differenti ħafna tkun il-veduta fis-sajf. Vapuri wieħed ġej, l-ieħor sejjer, bla ma jaqtgħu sa tard bil-lejl, jidhru sbieħ imdawla.

Min jaf kemm ritratti nġibdu ta' din ir-rokna tagħna l-Qalin li nsejħulha l-Belveder! Inħossni kburija li noqgħod erba' passi l-bogħod minnu, għax xħin immur bil-qiegħda fuq bank u noqgħod nitpaxxa b'dik il-veduta meraviljuża, ninsa kull problema li jkolli u nħoss 'l Alla hekk ħaj madwari fis-sbuħija naturali ta' gżiritna.





**Iktbilna u għidilna x'jidhirlek mir-rivista tagħna, u tirċievi b'rigal ktieb tassew sabiħ!**

*Indirizza l-kummenti jew suġġerimenti tiegħek f'ittra lill-Editur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT111.*

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



Ġużeppa Debono fl-aħjar taghha, ta' 20 sena

# Ġużeppa Debono (1883-1956) 2. Ħajja altruista

**jikteb Angelo Xuereb**

Punt essenzjali fil-Kristjaneżmu huwa li wieħed jagħti ruħu lill-oħrajn fuq l-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu.

Proprju dan għamlet Ġużeppa Debono. Hija li kienet ġejja mill-klassi ta' dawk li kienu jaqilgħuha tajjeb, riedet tagħmel xi ħaġa ta' ġid lill-proxxmu. Darba huha, il-Ġiżwita Dun Anton Debono kitbilha ittra mill-Indja li fiha qalilha: "Għażiża Ġużeppa ... l-aktar xogħol importanti fil-missjoni ta' Majlispur huwa li nieħu ħsieb it-trabi u t-tfal abbandunati mill-ġenituri tagħhom u norganizzawhom bl-aħjar mezz possibbli f'orfanatrofji u skejjel." Permezz tat-talb, direzzjoni spiritwali u permessi meħtieġa tas-superjuri ekkleżjastiċi tagħha, indunat li din kienet it-triq magħżula minn Alla għaliha f'Għawdex.

Għat-tfal kienet tagħmel kollox, anki tittallab il-flus u twettaq bosta sagrifiċċji. Matul il-gwerra ħakem f'Malta u Għawdex għaks kbir. Għalhekk billi mir-razzjon kien ikollha qamħ u pitrolju aktar milli meħtieġ, kienet tpartathom ma' l-ikel tat-trabi li kien aktar skars. Mhux l-ewwel darba li hija flimkien ma' Marija Ballucci raqdu bil-ġuħ għax kienu jibżgħu li l-ikel li kellhom ma kienx biżżejjed għall-għada biex jitimgħu t-tfal kollha.

Fiż-żmien ta' matul il-gwerra, darba aċċettat landa ħalib minn għand benefattur, li kienet il-kawża li xi tfal mietu bih. Ħafna kienu dawk tal-fehma li hija għandha tiġi mitfugħa l-ħabs. Iżda rnexxielha tikkonvinċi lill-pulizija li dak li għamlet wettqitu bla ma kienet taf, filwaqt li qatt ma qalet min tahulha. Ta' min isemmi li dan ma kienx xi każ uniku li matul il-gwerra xi persuni kielu xi ħaġa li bgħatithom id-dinja l-oħra għax kienet ħżienet.

Iżda Alla huwa mal-bniedem u jieqaf miegħu kontinwament. Id-dar tagħha kienet żgħira biex tkun orfanatrofju. Bil-għajnuna ta' Monsinjur Luiġi Galea nkisbu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi biex inbniet dar kbira wara l-knisja ta' Lourdes fl-Imġarr. Din infetħet mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fl-24 ta' Awissu 1947 u hekk seħħet il-ħolma tagħha.

Ġużeppa Debono għamlet dak li setgħet biex tgħin lil min huwa fil-bżonn meta kien hawn faqar kbir. Għalkemm ma rnexxilhiex twaqqaf Kongregazzjoni ta' Sorijiet biex jieħdu ħsieb l-orfanatrofju li kienet waqqfet, is-Sorijiet Dumnikani fuq ordni ta' l-Isqof Ġużeppi Pace komplew ix-xogħol li bdiet hi.

L-eżempju ta' Ġużeppa Debono kien ta' imbuttatura biex tiddaħħal kultura biex ngħinu lil dawk li huma anqas ixxurtjati minna. Min jaf kemm persuni għenuha biex il-proġett ta' ħajjitha jitwettaq.

*Lourdes Home* tixhed x'kapaċi tagħmel il-karità nisranija, hawn fiċ-ċkejkna gżira tagħna.

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq il-ktieb, 'Lourdes Home, Gozo - a story of love' ta' Rev. Dr. Joseph Bezzina).*






## FEHMET IL-QARREJJA

# Il-Programmi minn Għawdex fuq TVM

*Sur Editur,*

*Nhar il-Milied, iż-żewġ programmi mtellgħin minn Għawdex fuq TVM, jiġifieri "Żmeraldi" (dak għat-tfal u għaż-żgħażagħ) u "Għawdex Illum", ġew relegati għal ħinijiet li huma 'l barra mill-iskeda tas-soltu tagħhom.*

*Filwaqt li "Żmeraldi" jixxandar fis-6.05 p.m. nhar il-Milied ġie mxandar fit-8.30 ta' filgħodu meta ħafna kienu għadhom reqdin!*

*"Għawdex Illum" ġie mxandar f'nofs il-lejl neqsin kwart, wara li l-programmi l-oħra kollha ta' Jum il-Milied fuq TVM kienu xxandru.*

*Post l-ewwel wieħed ħadu programm taż-żgħażagħ ta' Malta li suppost jixxandar fis-6.45, p.m. filwaqt li post "Għawdex Illum" imtella' b'talk show li normalment jixxandar il-Ħadd filgħaxija.*

*Jien li nzertajt rajt biċċa għaliex kont qed nistenna li nammira l-valuri tal-presepju Naplitan, nista' nikkonferma li l-ispirtu tal-Milied f'dan il-programm sostitut ma kienx jeżisti.*

*Meta kkuntattjajt il-producer taż-żewġ programmi minn Għawdex, stqarr miegħi b'ċertu diżappunt li, minkejja r-riformi kbar li saru fil-PBS, post il-programmi ta' Għawdex qatt mhu garantit.*

*U minkejja li ż-żewġ programmi kellhom produzzjoni tajba li kienet tinvolvi ħafna xogħol, ħin u spejjeż, l-isforzi huma meqjusa bħala sekondarji għal min imexxi x-xandir ta' l-istat.*

*Sa llum, dawn l-istess programmi dejjem għamlu unur lil min ħadimhom, ħa sehem fihom u lil Għawdex in ġenerali. Anki l-istess TVM ippoża bl-unuri li l-istess programmi ripetutament jirbħu f'konkorsi nazzjonali.*

*Tgħid anki fix-xandir, Għawdex wasal biex jitlef il-vuċi tiegħu? Għaliex li tipprova tidħaq bl-Għawdxin u xxandar il-programmi tagħhom f'ħinijiet li m'humiex tan-nies, m'huwiex għajr ġest li ġej minn min għandu kumpless ta' inferjorità jew agħar minn hekk aġenda moħbija!*

***Nadur*** ***M.Saliba M.D***


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

**SALIBA INTERIORS**

**Għal xogħol ta'**
**Gypsum, Żebgħa fuq ġewwa,**
**Partitions, Bulkheads, Coving,**
**Soffitti, Parquet Flooring.**
**Contact Raymond Saliba**
**Mob: 7970 2274**

TA' KENUNA
Bar & Restaurant

*Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices*

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

*Għawdxin li għadna niftakru - 22* *Minn Pawlu Mizzi*

# TUNOJ TAL-MOZZ

Tgħallimnt ngħodd bl-iskudi u bl-irbigħi mingħandu. Qatt ma rajtu jikteb. Kien jgħodd biss bl-amment. U f'radda ta' salib jagħmillek il-kont.

*'Por beċċewn? Mele tmintox irbijej u tmintox irbijej jamlew ħamis xilinij. Ux sew, xbejn!'*

Kien jgħaġġibni. U kont nibqa' nħares lejh.

*'U l-bojt. Kemm andik...Għaxra? Illewm bit-tlitt xilinij u erbe' suldoj it-tużżuna. Mele, skut għad-dritt! U ħamis xilinij tal-pċiċin. Sitt xilinij u tmin suldoj killix!'*

Kien ifakkarni f'Ġużepp tiegħu. Hekk kien ħafif fis-somom. Fil-*geometry* kien jaqla' fwiedu biex jagħmel *rider*. Fl-aritmetika, imma, ma kontx tlaħħaq miegħu. Aħna b'rasna mgħaddsa fuq il-bank inħabblu moħħna, naqraw il-*problem* u nerġgħu naqrawha, u hu b'rasu 'l fuq ġa bl-*answer* lesta f'ħalqu.

Imma kif? Kont ngħid.

U flok nistaqsih kif kien iġib l-*answer* malajr, kont nara x'jagħmel. Darba sibtu l-ħanut ma' missieru jagħmel il-kontijiet. Hu jikteb u missieru bi tliet bajdiet f'idu l-waħda u tliet bajdiet f'idu l-oħra.

Ma tniffistx. U kif missieru jgħodd għaxra Ġużepp iniżżel ħamsa. Jaqleb kollox f'tużżani mall-ewwel. Imbagħad kemm jimmultiplika. Il-prezz ta' tużżana ma' l-għadd tat-tużżani.

Erġajt rajt dil-biċċa matematika xi għoxrin sena ilu fir-Russja. Il-bejjiegħa tal-*Gum* hekk ukoll kienu għadhom jagħmlu l-kontijiet. Iżidu u jnaqqsu fuq l-*abacus*. B'ħeffa li tgħaġġbek. Eħfef mir-riħ!.

Dal-*Gum* kien *supermaket* kbir. L-aqwa fir-Russja. Fih daqs pjazza Sant Wistin darbtejn jew tlieta. Min ġie li ra l-parata tar-Rivoluzzjoni ta' l-4 ta' Ottubru fuq it-televiżjoni jista' jieħu idea tal-kobor tiegħu.Kważi tul ir-*Red Square* kollu. Tixba tara l-missli u tankijiet tal-gwerra għaddejjin minn quddiemu.

Jien kont hemm ftit wara li Gagarin kien tala' fl-ispazju. X'ironija! Biex jisparaw u jolqtu l-aqwa armamenti u biex jistagħnew u jgħixu fil-kumdità, ħabba *abacus* ta' żmien ir-Rumani! Għaxar indani fildiferru b'għaxar boċċi f'kull indana.

Fl-iskejjel tal-Gvern ta' tfuliti, xi sebgħin sena ilu, kienu jagħtuna waħda bħalha kif nidħlu fil-klassi. U lavanja b'lapis taż-żnied magħha biex niktbu fuqha. Dak kien il-*calculator* tagħna!

U bla dubju kien ukoll ta' Toni tal-Mazz qabli. Bih kienu jgħallmuna ngħoddu u nnaqqsu. Is-ser Psajla kien dari jgħidlu t-tabella ta' Pitagora! Għax kien għallimna t-*tables* fuqu. Kollox bl-għaxra. U niddividu u nimmultiplikaw ukoll bl-għaxra. Minnha tgħallimna s-sistema deċimali.

Tunoj, imma, kien jaf ħafna aktar sistemi. L-iktar fejn jidħlu flus, kejl jew qies. Kollox imperjali. Ta' l-Ingliżi: tnax-il ħabba, sold; u tnax-il sold, xelin. U 20 xelin, Lira. Imbagħad kellna t-tmintax irbigħat, il-ħamesxilinijat u n-nofslirijat. U fil-kejl! Ta' l-nbid mod u taż-żejt mod ieħor.



Rasi kienet iddur. U Tunoj qisu mhux hu. Kont immur filgħodu narah ikewwes iż-żejt bil-pinta u filgħaxija jferra' l-nbid bit-terz. Għalija, sa dan l-aħħar, baqgħet komplikata. Għal Tunoj jew għal Marija tiegħu! Xejn! Kollox normali!

Għall-kontijiet, imbagħad, kellu tassew ħabta. Id-deċimali u l-imperjali kien jafhom fuq ponot subgħajh. U, sakemm ikun geżwirlek aringa jew imlielek ż-żebbuġ – anzi, qabel ma jkun mesaħ mal-qalziet biex farfar l-imluħa minn idu – kien ikun ġa lest bil-kont.

'Hekk kien missieru qablu u hekk ukoll nannuh Majsi,' kienet tgħidli n-nanna. 'Għalhekk jgħidulu tal-Mazz.'

Il-mazz kien speċi ta' *accountant* fuq id-dgħajsa tal-pass. Hu kien jgħodd il-merkanzija f'tarf il-fallakka. Bit-talja. Dawn it-taljiet kienu jinżammu marbutin f'mazz. Għalhekk kienu jgħidulu 'tal-mazz'!

Dan Tunoj jew niesu qablu kellhom dan il-mestjier. Tunoj kien magħruf għal dehnu fin-negozju. Darba ninzertah jitlewwem ma' ibnu Ġirġi. Kien għadu ġej minn Malta u qed iżarma l-gaġeġ u l-oqfsa li kellu fuq il-karrettun.

*'Kemm ġiep, Ġirġ?'* staqsieh Tunoj.

*'Tajjup! Kwożoj ħamis xilinij* (25 ċ)!'

*'Ġipnije żewġ. Tlifne,'* reġa' qallu kważi bl-herra.

*'U le, to!'* kompla Ġirġi b'lehen ta' konvinzjoni. *'U l-bojt mewx skewt u tnejn* (10 ċ) *kin ilbireħ, to!'*

'*Iss, kemm tof! Ellura? Dok xħijn qtojt it-tura x'kin baqalik?*'

'*Jekk me kinx hemm sowq x'ridtni namil? Kullimkin kannestri bil-bojt! Ros id-dinje!*'

'*Imissik stennejt! U kint tneħħeħ killew. B'ħamis xilinij u nufs u mewx b'ħamse. Tlift sikspens fit-tużżuna, Ġirġi tane!*' U dar wara l-bank izekzek qisu bla sabar.

Kulma qalu bejniethom dakinhar għalija kien Grieg. Ma fhimnt xejn. U f'qalbi għidt: 'Tilef! x'tilef? Dak qala' mhux tilef. Il-bajd ma biegħux iżjed milli xtrah?'

U bqajt nhewden sa meta kbirt kif biegħu iżjed milli xtrah u ma qalax. Illum nifhemu x'ried jgħid Tunoj. *Maximization* tal-profitt! Irid tassew ikollok moħħ ta' negozjant mhux moħħ ta' tiġieġa. It-tiġieġa ma taħsibx. Tbid biss taf, b'moħħ mekkaniku. In-negozjant, imma, jaħseb u jrid ikollu moħħu jixgħel biex iqis u jerġa' jqis qabel jaqta'. Jekk ma jiżinx kull fattur fis-suq imur lura. Dan kien iqis Tunoj: il-kwalità, il-kwantità, id-domanda, il-post, u x-xerrej. Fuq kollox li iġib l-ogħla prezz, mhux li jbejħ malajr.

Tassew lil Tunoj tal-Mozz ma kien jaħrablu xejn u ħadd. Darba daħal għandu Dun Ġużepp ta' l-Anġolin. Qassis moħħu fil-mużika, imma, kaxxa ċajt. Kif rifes fil-ħanut nesa x'ried. Dar dawra l-ixkaffi b'għajnejh biex jipprova jiftakar u kien sa jerġa' joħroġ 'l barra. Tunoj rah u żammu.

'*Ejdlej, zej, x'qet tfittix?*' qallu.

Dun Ġużepp biex ma jiksrux talbu l-ewwel ħaġa li ġiet f'rasu: 'Bott bikini!'

'*Anne minnu dok. Aw qedejn,*' qallu Tunoj. U ġibed banketta minn taħt mejda u tala' fuqha jfittex fuq l-ewwel xkaffa li sab quddiemu. '*Awn tof! Awn irejdew ikunuw!*'

U Dun Ġużepp jistenna mbissem, jarah ifittex tiela' u nieżel minn fuq il-banketta, beżgħan li ma jaqax minħabba fih.

'*M'umix awn, ħej!*' qallu x'ħin qata' qalbu. '*Ent bix issajru ussa triduw?*' staqsih.

'Le, għal-lejla!' wieġbu Dun Ġużepp.

'*Mele kif jiġi Musu tane jsibulik u jnewwilulik id-dor. Dok joffejn ume!*' qallu. U sa ma wasslu fil-bieb reġa' qallu: '*Dok, żgowr anne, ziju, tof!*'

Ma għandix dubbju li Masu daħak x'ħin sama' x'ried Dun Ġużepp. U anke Tunoj daħak. U biex ikompli ċ-ċajta, bagħtlu bott *baked beans*.

'*Ħo, mawr ħudulu u ejdlew qallik Tunoj: "Don, l-istess bħalli tlobtow. Prezz wiħid.*'

Ma kontx tagħmillu l-bżieq fuq imnieħru lil Tunoj!

Żokortu kienet waqgħet fin-negozju. Dejjem taħt djul ommu. Anke l-ħanut ħa isimha: ta' Ġulina tal-Mozz. Magħha beda. Filgħodu jkewwes iż-żejt u filgħaxijiet inewwel xi terz nbid lill-parruċċani: tal-Mejkel, tas-Sunnura, Wiġi tal-Bajdi, Gejtan ta' Kuzzitu u oħrajn. Kollha ma' ta' l-Imwiet kont tarahom ġejjin bil-platt. Kultant kien jiġi Ġanni tal-Ħaruf bil-kitarra. U min imeċlaq u min ipaċpaċ. Imbagħad tfewwieqa jew titwiba u pipa tabakk. Gejtu tal-Baskittina kien bis-sigarru u d-Dumna jgħid fuq l-għasafar, kultant bis-sikkina f'ħalqu biex jaqla' l-farka qoxra tal-ħobż li tkun weħlitlu fi snienu. U kif iwarrbu l-platti jaqtgħu l-morra sa l-għaxra. Jgħajtu wieħed fuq l-ieħor: '*sej … sej … uttu … kwattru … duwi … duwi*'. U Tunoj għajnejh nofshom magħluqa jistenna li jitilqu ħa jmur jorqod.

Hekk kiber. Imbagħad rama għal rasu. Xtara bgħal u karettun u beda jdur għall-bajd u jixtri xi fenek u xi tiġieġa. Imbagħad iżżewweġ u beda jġib xi ħaġa tal-merċa sakemm bilmod ilmod ħoloq imperu żgħir ta' negozju tat-tjur u l-bhejjem.

Rabba familja minn hekk. Kellu erbatax b'kollox. Disa' subien u ħamsa bniet. Mitulu sebgħa minnhom. Għexu Karmnu, Ġirġi, Ġużepp, Musu u Manwieli. Kollha baqgħu miegħu. Iż-żgħar, imma, saru qassisin.

Sa ma kbirna u kulħadd ħa l-istat tiegħu, konna lkoll midħla ta' xulxin. Min jaf kemm kont indejjaqhom indur ma' saqajhom. Tunoj, imma, qatt ma gemgem, Basta nilagħbu taħt għajnejh.

Ma' l-Avemarija, imbagħad, kien joħroġ jixgħel in-niċċa tal-Madonna fil-kantuniera. U kif jinżel mis-sellum kien jgħajjat b'leħen maħnuq: '*Ussa rużurju, tufux!*' Kien donnu daqq il-qanpiena ta' l-iskola. Kulħadd jitlaq kollox minn idejh. U kbar u żgħar, min fuq l-għatba u min fuq bank ġol-ħanut, u jgħid ma' Manwieli...

Illum għaddew aktar minn ħamsin sena. Tunoj miet u l-ħanut ta' l-nbid ħaduh uliedu u ulied uliedu u sar *minimarket*. Anke jien twarrabt minn dak l-ambjent saħħari ta' tfuliti. Ma nftamt qatt, imma, għal kollox minnu. Fuq it-Tomba, fejn Sant' Wistin u l-Oratorju Don Bosco, kienu magħġunin f'demmi. U bla ma kont irrid, kull meta nirfes fir-Rabat saqajja jmexxuni lejn dawk l-inħawi. Ma jkunx laħaq lemaħni ibnu Karmnu li ma joħroġx jifraħ bija.

'*Ura x'qala' l-baħar! Ħa nura tiftakarhiex. Mitt tużżuna biż-żewġ skutoj kemm jamlew?*'

Nisthajlu missieru. U flok inwieġbu kont ngħid bejni u bejn ruħi: 'Imma kemm hu minnu li t-tajjeb jgħix aktar mill-bniedem li jagħmlu!' Kemm hi sabieħa t-tjubija! Moħħi jieqaf meta nara lil Dun Tumas bil-kuruna tar-rużarju fil-gallerija jew nisma' lil Dun Manwiel jgħid il-*Pater Noster* fil-quddiesa. Nisthajjilni qed nara lil Tunojmissierhom! Sieket. Arbulat ma' sellum b'lumina tixgħel f'idu. Iħares lejja u jistaqsini: '*Ewx ħafejf tett bl-axra?*'

FRESH 'N' KLEEN
**CARPET, CURTAIN & SOFA CLEANING**
*Also cleaning of area rugs, car interiors, upholstery, etc., using shampoo & fresh water.*

Proprietor: **Michael Muscat**
'Biarritz', G.P.F. Agius de Soldanis Str., Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 2155 7580 • Mobile: 7928 2360

## Passiġġata Biblika - 4

# "Għax jien nagħrafhom ħtijieti; id-dnub tiegħi dejjem quddiemi" (Salm 50:5)

# IL-BNIEDEM MIDNEB FIT-TESTMENT IL-QADIM

minn Fr. Charles Buttigieg

**Il-lingwaġġ bibliku wżat fil-lingwa Lhudija għall-kelma 'dnub' huwa dejjem offiża kontra Alla. Infatti fil-Lhudi għandna l-kelma *hata'* li tfisser 'żball'; 'htija'; 'li ma timxix bid-dritt'; jew 'ma timxix sewwa'. Fil-Malti għandna l-kelmiet 'ħtija' jew 'ħati' li joqorbu ħafna lejn l-għerq tal-kelma Lhudija.[1] Il-kelma griega għal 'dnub' hija *hamartia* li tfisser 'li tiżbalja fil-mira'; 'ma tolqotx'; 'tiżvija', għaliex tassew id-dnub huwa li tiżvija mit-triq ta' Alla u ma tilħaqx il-għan tiegħek bħala bniedem, iben Alla.**

### *Adam u Eva: Firda minn Alla*

L-istorja tas-salvazzjoni tal-bniedem hija mmarkata min-naħa mid-dnub tal-bniedem u min-naħa l-oħra mill-imħabba nfinita ta' Alla. Fil-kap 3 tal-ktieb tal-Ġenesi naraw l-ewwel waqgħa tal-bniedem, imkaxkar wara l-ħażen u t-tentazzjoni tas-serp[2] u mkeċċi minn Alla mill-ġnien tal-Għeden. Bid-dnub inkisret l-armonijia oriġinali li kien hemm bejn il-bniedem u Alla, u nkisret ukoll l-armonija bejnu u l-istess natura ta' madwaru. Il-bniedem ma obdiex għal-liġi ta' Alla u dineb għax mexa bl-ambizzjoni tiegħu.[3]

L-ewwel firda mela li joħloq id-dnub hija dik minn Alla. Id-dnub tal-poplu ta' Alla fir-Rabta l-Qadima kien dejjem meta kien jikser il-patt tiegħu ma' Alla u għalhekk kien jinfired minnu. Il-poplu ta' Iżrael sar bħal prostituta, waqa' fl-adulterju u fl-idolatrija kif naraw tajjeb f'Eżek. kap 16. Dawn kienu t-twissijiet tal-profeti sabiex il-poplu ma jidnibx iżjed imma jerġa' lura lejn Alla. Is-Sultan David meta dineb bil-kbir bl-adulterju ma' Batseba u mbagħad bil-qtil ta' Urija r-raġel tagħha, hekk stqarr: "Dnibt kontra l-Mulej!" (2 Sam 12:13). Is-Salm 50 itenni: "Kontrik biss jiena dnibt u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt" u l-profeta Isaija jwissi li: "Ħżunietkom firdukom minn Alla tagħkom" (59:2). Għalhekk mela permezz tad-dnub il-bniedem jinfired u joffendi lil Alla.

### *Kajjin u Abel: Firda bejn l-aħwa*

Ir-rejaltà tad-dnub narawha wkoll fl-esperjenza tal-ulied tal-ewwel ġenituri tagħna. Huwa d-dnub li jifred lill-aħwa wkoll fejn Kajjin bl-għira joqtol lil ħuh Abel: "U kif kienu fir-raba' Kajjin qam għal ħuh Abel u qatlu" (Ġen 4:8). Anke s-suppervja tal-bniedem twasslu biex jinfired mill-aħwa tiegħu, kif ġara fl-episodju tat-torri ta' Babel f'Ġen 11:1-8, fejn ħadd ma seta' jifhem lill-ieħor u b'hekk tfarrak il-proġett tal-bniedem fil-bini ta' dan it-torri għoli. Mela d-dnub joħloq firda bejn l-aħwa, firda fil-familja u fil-komunità.

### *Id-dnub: Firda fik innifsek*

Id-dnub iwassal sabiex tinfired fik innifsek għax titlef il-paċi: "Għax jien wasalt biex naqa'; u tbatijieti dejjem quddiem għajnejja" (Salm 38:18).[4] Il-Ktieb tal-Proverbji jesprimi dan il-ħsieb b'mod ċar f'29:6: "Bi ħżunitu l-ħażin jinqabad f'nassa." Il-profeta Isaija f'52:10 jgħidilna wkoll li permezz tad-dnub il-bniedem jitlef il-libertà tiegħu: "Bħal għomja mal-ħajt inteftfu, inteftfu bħan-nies mingħajr għajnejn". Id-dnub ifixkel, mela, l-ħelsien u l-libertà fil-qalb tiegħu. F'Eżekjel f'kap 18 naraw





imbagħad ħsieb importanti li jirrigwardja r-responsabbiltà morali tal-midneb u tal-konsegwenzi tad-dnub tiegħu: "Il-bniedem li jidneb, hu għandu jmut; l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu". Il-ħażen mela jwassal lill-bniedem biex jidħol fi sqaq li ma jwasslu mkien, sqaqien imdallmin mingħajr ebda xaqq ta' dawl. Bid-dnub il-bniedem jiċħad lil Alla, jinfired minn mal-familja tiegħu u jfarrak lilu nnifsu għax jagħma u ma jibqax jara kif suppost.

## L-Imħabba t'Alla: Sejħa għall-Indiema

Il-bniedem jitbiegħed minn Alla, imma Alla qatt ma jinsa' lill-bniedem. Għax Alla hu 'Imħabba' wiegħed is-salvazzjoni lill-bniedem u li r-rebħa tiegħu tkun waħda kbira quddiem ix-xitan: "U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu" (Ġen 3:15).[5] Dan it-test huwa msejjaħ bħala 'protovanġelu', jiġifieri l-ewwel vanġelu ta' tama u ta' ħelsien mill-ħażen. Wara d-dnub, Alla lest li jagħti mill-ġdid lill-bniedem libsa ġdida u jerġa' jagħtih id-dinjità li tixraqlu: "U l-Mulej Alla għamel lil Adam u lil martu ħwejjeġ tal-ġild u libbishomlhom" (Ġen 3:21).

L-Għid tal-Lhud hu l-istorja memorabbli ta' meta Alla ħeles lill-poplu mill-jasar tal-Eġittu, fejn il-poplu ġie 'maħruġ' mit-toqol tad-dnub u b'hekk ġie 'mifdi' (ara Eż 2:23). Minkejja dan kollu Alla xorta jkompli jħenn u jgħid lill-bniedem: "Imma jien niftakar fil-patt li għamilt miegħek fi żmien żgħożitek u nġedded il-patt tiegħi miegħek għal dejjem" (Eżek 16:60). Eżekjel 18:20 jgħidilna li: "Il-Mulej li ma jieħux pjaċir bil-mewt ta' ħadd imma jistieden lil kulħadd għall-konverżjoni u għall-indiema". Huwa f'dan id-dawl li nistgħu għalhekk nifhmu s-sagrifiċċji fil-liturġija lhudija biex ipattu għad-dnubiet [6]

Din hija r-rejaltà tagħna l-midinbin ma' Alla, Alla li tant ħabbna li bagħat lil Ibnu l-waħdieni għalina sabiex isalvana (ara Ġw 3:16). L-istorja tad-dnub tal-bniedem hija l-istorja ta' meta l-bniedem infired minn Alla, mill-proxxmu tiegħu, u minnu nnifsu. Id-dnub huwa mela kontra Alla, kontra l-familja tal-Knisja u kontra tiegħek stess.

### *Riferenzi*

*[1] Iżda fil-malti l-kelmiet 'dnub' jew 'midneb' huma ġejjin mill-Għarbi.*
*[2] Fil-kulturi antiki s-serp huwa dejjem simbolu tan-negattivita u tal-mewt billi dan l-annimal jgħix fil-moħbi u taħt l-art.*
*[3] Ara wkoll id-dnub li wassal għad-dulluvju f'Gen 6:1-7 u dak tat-torri ta' Babel f'Gen 11:1-8.*
*[4] Infatti l-kelma griega għax-xitan, li huwa missier il-ħażen hija diabolos li tfisser 'dak li jixħet u jaqsam minn nofs', jiġifieri 'dak li jfarrak'.*
*[5] Fit-test oriġinali lhudi u fit-test grieg tas-LXX għandna l-pronom maskil 'hu'.*
*[6] Ara Lev 16:27; 2 Slat 12:16; Salm 40:6; Eżek 40:39 u Hos 8:11.*

### *Biblijografija*


*Beauchamp, P., I profeti d'Israele o il dramma di un'alleanza, Cinisello Balsamo 1988.*
*Biedermann, H., Dictionary of Symbolism, New York 1992.*
*Catti, G., Raccontare il Patto, Bologna 2001*
*Garbini G., Note di lessicografia ebraica, Brescia 1998.*
*Lurker, M., Wörterbuch biblischer Bilder und Symbole, Munich 1987.*
*Pilch, J.L. - Malina, B.J. (eds.), Handbook of Biblical Social Values, Peabody (MS) 2000.*








# int u saħħtek

*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*



# Il-Ħxuna fit-Tfal

**Illum il-mediċina tagħti importanza kbira lil din il-problema ta' obeżità jew ħxuna fit-tfal.Skond l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa madwar id-dinja huwa stmat li aktar minn 22 miljun tifel u tifla taħt il-ħames snin ibatu bl-obeżità jew għandhom piż żejjed. Huwa stmat ukoll li aktar minn 17-il miljun minnhom ġejjin minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Kull tifel u tifla minn dawn qegħdin f'riskju akbar li jiżviluppaw id-*diabete*, li s'issa konna ngħidu li tiżviluppa f'nies kbar biss. Huwa stmat ukoll li dawn it-tfal huma f'riskju akbar li jimirdu bil-mard tal-qalb f'età żgħira. Għalhekk jekk nieħdu ħsieb li t-tfal ma nħalluhomx jeħxienu nkunu qed nipproteġuhom mid-*diabete* u mill-mard tal-qalb fil-futur.**

Din tidher stramba li fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn hemm nuqqas ta' ikel għandek issib dawk it-tfal kollha jbatu minn obeżità. Li qed jiġri huwa li ħafna tfal mhux qed jieklu ikel tajjeb għal saħħithom u mhux qed jagħmlu eżerċizzju. Dan huwa riżultat ta' l-influss ta' stabbilimenti ta' ikel mexxej li dieħel ġmielu anke f'dawn il-pajjiżi. Dan il-pattern mhux biss jinsab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw imma fil-pajjiżi kollha tad-dinja fejn l-ikel mexxej (*fast foods*) ta' dawn l-istabbilimenti sar moda.

Il-problema ta' ħxuna fit-tfal saret tant kbira li qed tinkwieta lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Globalment madwar 10% tat-tfal li jmorru l-iskola bejn ħames snin u 17-il sena, għandhom piż żejjed jew ibatu mill-obeżità. Fl-Istati Uniti tal-Amerika pereżempju ir-rata ta' ħxuna fost t-tfal ta' bejn l-età ta' sitta u tmintax-il sena żdiedet għal aktar minn 25% minn 15% fis-snin 70. Dan minħabba l-iżvilupp ekonomiku li kien hemm u t-tibdil fl-istil ta' ħajja fejn tbidlet id-dieta u anke naqas l-eżerċizzju. Żidiet bħal dawn ma ssibhomx biss fil-pajjiżi żviluppati imma anke pajjiżi oħra bħaċ-Ċina. F'dan il-pajjiż enormi r-rata ta' piż żejjed u obeżità fost it-tfal li jmorru l-iskola żdiedet minn 8% fis-sena 1990 għall-aktar minn 12% sitt snin wara. Fil-Brażil ir-rata ta' piż żejjed u obeżità fost it-tfal ta' bejn sitt snin u t-18-il sena ttriplat minn 4% għall 13% fl-istess perijodu.

Għalhekk l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa qed tagħti ħafna importanza lil din il-ħaġa. Fil-fatt l-Għaqda










Dinjija tas-Saħħa nediet kampanja f'Mejju tas-sena 2004 biex titnaqqas din ir-rata u biex it tfal jieklu ikel tajjeb u jagħmlu iktar eżerċizzju. Din il-kampanja kienet imsejħa: Strateġija Globali fuq id-Dieta, Attività Fiżika u Saħħa. Dan għaliex hemm relazzjoni diretta bejn il-ħxuna u piż żejjed fit-tfulija ma' mard kroniku fil-futur. Dan il-mard jinkludi d-*diabete*, il-mard tal-qalb, il-puplesija u l-kanċer. Barra minhekk l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa għal min ibati bid-*diabete* diġa jiswew 15% ta' l-ammont globali għall-kura tas-saħħa kollha ta' kull sena.

Skond din l-istrateġija jrid isir sforz fuq livell individwali, komunitarju bħal l-iskola, nazzjonali u nternazzjonali fejn jiġu implimentati diversi miżuri. Fost dawn il-miżuri hemm bdil fid-dieta u iktar eżerċizzju. Din l-istrateġja trid tkun implimentata mill familja, trid tkun imsaħħa fl-iskola u nkoraġġita mill-Gvern. Hekk l-ikel li jitħejja fid-dar ikun ikel tajjeb fejn jitnaqqsu x-xaħmijiet u z-zokkor. Il-kolazzjon ta' l-iskola għandu jitħejja mid-dar, u mhux it-tfal jingħataw il-flus biex jixtru dak li jridu.

Fil-ħwienet ta' l-iskola m'għandhomx jitħallew jinbiegħu boroż u *soft drinks* jew ħelu żejjed. Min-naħa l-oħra l-ġenituri ma għandhomx jieħdu lit-tfal ta' spiss f'postijiet li jbiegħu *fast foods* . Dawn il-postijiet għandhom diversi modi kif jattiraw lit-tfal u għalhekk m'għandniex naqgħu fin-nasba tagħhom. Mawra kultant mhux ser tagħmel ħsara u lit-tfal ma nkunux qed inċaħduhom totalment minn dawn il-postijiet, imma ta' spiss huwa ħażin.

**We are at your service during Lent...**
**but we sell fresh fish all year round!**



**BUGEJA**
*the leading FISH MARKET in Gozo*

Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo
Tel: 2156 0686, 2155 5668
Mob: 9949 3661
Res: 2155 1389

D-Bar Café
*where friends are meeting!!*
**Pan Pizza, Pasta & Home-made Cooking**
**St. Joseph Square, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014**

Ta' Vestru
BAR, RESTAURANT & PIZZERIA
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090

# ĦOLM IL-ĦAJJA



*Pariri lill-Adolexxenti minn* ***MARY PULI***

## *NAF NIEKOL?*

### 1 *Storja*

Waqt għaks kbir fil-pajjiż, sinjur bagħat għall-ifqar għoxrin tifel u tifla biex jagħtihom ħobża kull wieħed. Mela qoffa b'għoxrin ħobża u qalilhom biex jieħdu ħobża kull wieħed id-dar u jibqgħu jagħmlu hekk sakemm iż-żmien jinbidel għall-aħjar.

It-tfal bdew jimbuttaw lil xulxin biex jaħtfu possibilment ħobża kbira u ġrew 'il barra biha bla ma biss irringrazzjaw lis-sinjur. Frasina stenniet it-tfal jieħdu l-ħobża tagħhom u marret tieħu l-ħobża li kien fadal fil-qoffa. Miskina l-iżgħar waħda kien fadal, imma baqgħet tagħmel hekk kuljum, bla ġlied ta' xejn.

Darba fost l-oħrajn, Frasina marret id-dar bil-ħobża. Malli ommha qasmitha min-nofs, minnha waqgħu tliet muniti tad-deheb. It-tnejn stagħġbu meta raw il-muniti tad-deheb jaqgħu mill-ħobża. Fil-ħin l-omm bagħtet lil Frasina għand is-sinjur biex tgħidlu li kien hemm xi żball.

Is-sinjur qalilha li l-muniti tad-deheb poġġiehom apposta għaliha, talli ġabet ruħha tajjeb, u għax dejjem irringrazzjatu qabel telqet bil-ħobża 'l barra.

### 2 *Tagħlim*

Jien ma ngħix biex niekol, imma niekol biex ngħix, mhux hekk? L-annimali wkoll jieklu, imma dawk jgħaddsu rashom u jaħtfu l-ikel, bla ma jgħidu mqar talba żgħira. Jieklu bla manjieri ta' xejn u jħallu ċ-ċaflis kollu warajhom. Iżda jien m'iniex annimal, neħtieġ inġib ruħi bl-edukazzjoni kollha waqt l-ikel. Hemm regoli apposta li rrid nosserva:

Nipprova kemm jista' jkun, li fuq il-mejda għall-ikel inkunu fil-ħin, għax mhux sewwa nħalli lil tal-familja jistennew lili biex jibdew jieklu.

Jekk ma nkunx fil-ħin u nsibhom jistennewni, nitlobhom skuża u jekk ma nkunx nista' mmur għall-ikel, navża lil tad-dar biex la nħallihom jistennewni u lanqas ninkwetahom.

Sakemm nistenna l-ikel jiġi servut, ma npoġġix idejja fuq il-mejda, lanqas noqgħod inċekċek il-pożati, qisni m'għandix paċenzja nistenna.

Nistenna li l-oħrajn ikunu servuti bl-ikel huma wkoll, qabel nibda niekol, ħalli ngħidu t-talba ta' qabel l-ikel flimkien.

Inżomm is-sarvetta fuq ħoġri mhux taħt għonqi, biex jekk inwaqqa' l-ikel ma ntebbax ħwejġi.

Niekol bil-mod mingħajr ma nagħmel ħsejjes b'ħalqi; jien u niekol inżomm xofftejja ma' xulxin biex ma jidhirx l-ikel li nkun qed nogħmod.

Nitfa' l-ikel f'ħalqi f'bukkuni żgħar, u qabel nibla' l-ikel li jkolli f'ħalqi, ma nżidx aktar ikel f'ħalqi.

Nidra nuża sewwa l-furketta u s-sikkina; qatt m'għandi nuża s-sikkina biex inressaq l-ikel lejn ħalqi, u qatt m'għandi naqbad l-ikel b'idejja, ħlief għal xi għadma tat-tiġieġa jew tal-fenek biex immexmixha.

Jekk l-ikel jew ix-xorb ikun jaħraq ħafna nistennieħ jibred, mhux nonfoħlu ħalli nberrdu, u lanqas nerfa' l-platt bil-brodu minn fuq il-mejda biex nixorbu mill-platt minflok bl-imgħarfa.

Ma nitkellimx bl-ikel f'ħalqi; jekk jeħtieġli nitkellem, l-ewwel nibla' li jkolli f'ħalqi, imbagħad nitkellem.

Jekk inkun ser niekol il-ħobż ma' l-ikel, ma nfittux u lanqas inbillu fil-meraq li jkolli fil-platt (l-aktar jekk inkun qed niekol barra jew ma' nies oħra). Naqta' l-ħobż biċċiet żgħar b'idejja u mhux nigdmu bi snieni. Ma nbillx il-gallettini fit-tè jew fil-kafè.

Jekk ikolli għadma tal-frott jew ta' żebbuġa ġo ħalqi inkella xewka ta' ħuta, jew inkun irrid inneħħi xi ikel ieħor minn ħalqi għal xi raġuni, inressaq l-imgħarfa lejn ħalqi, nitfa fiha dak li rrid inneħħi minn ħalqi u npoġġih fil-ġenb tal-platt.

Ma ntawwalx idejja minn quddiem ħaddieħor biex inġib pereżempju z-zokkor, il-ġobon u ikel ieħor jekk ma jkunx qribi, imma nagħmel sinjal lil dak li jkun quddiemi biex inewwiluli.

Jekk ta' ħdejja jitlobni l-buqar ta' l-ilma, indawwar il-buqar b'tali mod li jkun jista' jaqbdu mill-manku.

Jekk minħabba raġuni jew oħra ma nistax nibqa' fuq il-mejda sa l-aħħar, ngħidilhom jiskużawni, imbagħad inqum u ndaħħal is-siġġu f'postu.

Jekk l-ikel ma jkunx jogħġobni ma ngergirx u lanqas inqarras wiċċi biex ma ninfluwenzax lil min ikun ser jiekol. Inġib skuża biex min sajjar ma joffendix ruħu.

Jekk ma jkollix aptit niekol ħafna, nitkellem minn qabel ma jiġi l-platt quddiemi, biex ma jkunx hemm ħela ta' ikel.

Rimarki bħal : "Kemm ġie tajjeb l-ikel!" "Prosit!" iferrħu lil min sajjar l-ikel, ħalli darb'oħra jsajjar aktar bil-qalb u forsi itjeb ukoll.

Waqt l-ikel ma niddiskutix suġġetti li naf li jtellgħu n-nervi ta' dak li jkun, ħalli l-ikla tibda u tispiċċa bil-kwiet. Lanqas għandi ngħid stejjer moqżieża.

Wara l-ikel niftakar ngħid grazzi lill-Mulej li pprovdieli l-ikel u lil ommi li ħadet ħsieb issajjaruli.

Inkun qed nuri rispett u rikonoxxenza jekk noffri ruħi biex niżbarazza l-mejda, jew naħsel il-platti nkella nixxuttahom.

Jekk naf inġib ruħi tajjeb waqt l-ikel inkun naf inġib ruħi tajjeb kullimkien, għax mhux kilt biss, imma ftakart infaħħar u nirringrazzja 'l Alla tal-providenza Tiegħu, faħħart u rringrazzjajt lil min ġabuli lest quddiemi fuq il-mejda , u fuq kollox ħsibt f'dawk li kienu madwar il-mejda billi wasalt fil-ħin, stennejthom, tkellimt b'tali mod li l-atmosfera waqt l-ikel baqgħet waħda kalma, u fl-aħħar offrejt l-għajnuna tiegħi.

***Dejjem tiegħek, Mary Puli***



# Bejnietna n-Nisa



Tiktbilna SUSAN MULVANEY

# META BABY KELLHA BABY!

**Wara l-istorja dan l-aħħar tal-Profs Adrianna Iliescu, ir-Rumena ta' 66 sena li kisret ir-rekords kollha tad-dinja meta saret omm għall-ewwel darba, il-kurżità għelbitni. U fittixt ħalli nara min kienet l-iżgħar tifla li qatt saret omm.**

Nisthajjilkom tgħidu li ma tantx kelli mmur 'l bogħod, għax illum ħafna huma dawk it-tfal li qed ikollhom it-tfal, anke fostna f'Malta u Għawdex! Bħalkom ħsibt. Iżda għarrali.

Ir-rekord imur lura għall-1939 meta l-Peruvjana Lina Medina, f'Mejju ta' dik is-sena, welldet tifel. Ta' ħames snin- iva, mhux żball, ta' ħames snin – hija kellha t-tarbija u waqqfet rekord li għadu f'idejha!

Il-ġenituri tagħha ħasbu li binthom kellha xi tumur f'żaqqha u meta x'*shamans* fil-villaġġ remot tagħhom fl-Andes ma kkurawhiex, missierha ħadha l-isptar. Xahar wara welldet tifel!

Medina twieldet fis-27 ta' Settembru 1933 fil-villaġġ żgħir ta' Paurange. Kellha biss ħames snin u tmien xhur meta kellha t-tifel f'Jum l-Omm, fl-14 ta' Mejju, 1939. Wellduhulha b'ċesarja.

Binha twieled wara tqala normali ta' disa' xhur u kien jiżen żewġ kilogrammi u 700 gramma. Kien iffurmat sew u b'saħħtu. Wara ftit jiem, it-tnejn setgħu jitilqu mill-klinika.

Semmietu Gerardo, għal wieħed mit-tobba li assistiha u li baqa' jieħu ħsieb il-progress tagħhom għal ħafna snin.



Wieħed miż-żewġ tobba li assistewha, Dr Lozada, għamel studji dettaljati dwar it-tqala tat-tifla li, tistgħu taħsbu, qanqlet interess kbir. Ħa X-Ray tat-tifla u binha, stabilixxa kif kienet it-tarbija fil-ġuf, u osserva l-istat ta' l-omm daqstant żgħira li bdiet *il-period* tagħha ta' tmien xhur. Ta' erba' snin kellha sidirha diġà żviluppat, il-proporzjoni ta' ġisimha kienu ta' mara magħmula u l-għadam kien avvanzat fl-għebbusija tiegħu - affarijiet li ħafna drabi huma xhieda ta' tqala prematura.

Meta kellu 10 snin, wara inbix minn sħabu ta' l-iskola, Gerardo sar jaf li l-persuna li huwa kien jaħseb li kienet oħtu kienet fil-fatt ommu.

Gerardo miet fl-1979 meta kellu 40 sena minn marda li tattakka l-mudullun. Iżda mhux ċar jekk kienx hemm xi konnessjoni bejn il-marda u l-fatt li ommu kienet daqshekk żgħira meta wellditu.

Medina żżewġet fl-1972 u kellha t-tieni tifel, 33 sena wara li kellha l-ewwel wieħed. Illum dan għadu jgħix fil-Messiku.

U la qegħdin nitkellmu fuq l-ommijiet, inkomplu b'xi kurżitajiet:

- Bobbi McCaughey għandha r-rekord ta' kemm għexulha ulied minn tqala waħda. Hija kellha *sestuplets*, l-ewwel sebat itfal li twieldu f'daqqa u li għexu kollha, erba' subien u tliet bniet. Dan kien fid-19 ta' Novembru 1997.
- Jayne Bleackley għandha r-rekord ta' l-inqas żmien bejn tarbija u oħra minn tqala differenti. Welldet lil Robert fit-3 ta' Settembru 1999 u lil Annie Jessica Joyce fit-30 ta' Marzu, 2000. Bejn tarbija u oħra kien hemm biss mitejn u tmint ijiem!
- Elizabeth Ann Buttle hija l-omm li għandha r-rekord li welldet żewġt itfal li bejniethom kien hemm l-akbar perjodu ta' żmien. Welldet lil Belinda fit-19 ta' Mejju, 1956 u lil Joseph fl 20 ta' Novembru 1997. Bejn iż-żewġt itfal kien hemm 41 sena u 185 jum. Meta welldet lil Joseph, Elizabeth Ann kellha 60 sena!
- L-akbar numru li tiegħu hemm rekords uffiċjali li qatt welldet mara kien ta' 69, lill-mara ta' Feodor Vassilyev minn Shuya, fir-Russja, li għex bejn l-1707 u l-1982. Bejn l-1725 u l-1765, il-mara welldet 16-il par tewmin, seba' settijiet ta' *triplets* u erba' settijiet ta' *quads*. Mid-69 tarbija, 67 għexu u mietu wara li kienu qabżu t-tfulija.




## Aħbarijiet Strambi migħbura minn Totò

### Joqtol lill-ġenituri wara li ġab marki baxxi fl-iskola

Il-ġurnal Russu *Izvestia* qal li tifel ta' 13-il sena qatel lill-ġenituri tiegħu waqt li kienu reqdin wara li missieru tah xebgħa minħabba li ġab marki baxxi fl-iskola. L-investigaturi fil-belt Siberjan ta' Talmenka qalu li missier Alexander Bykov irritorna d-dar wara li attenda laqgħa ma' l-għalliema ta' ibnu. Hu kien irrabjat minħabba li ibnu ġab marki baxxi fis-suġġett tal-kimika u għalhekk iddeċieda li jagħtih xebgħa.Waqt li kien qiegħed jiġi nterrogat mill-investigaturi, Alexander Bykov qal li missieru qatt qabel ma kien sawtu minħabba li ġab marki baxxi f'xi suġġett. Kmieni fil-għodu, Alexander Bykov qabad is-senter ta' missieru, daħal fil-kamra tas-sodda tal-ġenituri tiegħu u qatilhom kiesaħ u biered. Il-ġurnal *Izvestia* qal li l-pjan tat-tifel kien li jwaddab il-kadavri tal-ġenituri tiegħu fi xmara viċin id-dar tagħhom, iżda l-pjan fallielu wara li ma setgħax jistartja l-karozza ta' missieru. Alexander Bykov iddeċieda li jaħbi l-kadavri fi gwardarobba iżda dawn instabu ftit wara minn oħtu l-kbira . L-avukat ġenerali ordna li t-tifel jitpoġġa taħt osservazzjoni psikjatrika.

### Rekord ma' l-iskorpjuni

Mara fil-Malasja waqqfet rekord dinji ġdid wara li għamlet 33 ġurnata tgħix f'kaxxa kbira tal-ħġieġ mimlija b'6000 skorpjuni! Iżda l-mara, Nur Malena Hassan, imlaqqma "ir-Reġina ta' l-Iskorpjuni" riedet li tibqa' għaddejja bil-maratona tagħha għal tlett ijiem oħra magħluqa fil-kaxxa twila 12-il pied b'għaxra biex ikun ferm diffiċli għal xi ħaddieħor li jista' jiksrilha r-rekord. Malena Hassan, li għandha 27 sena, daħlet fil-kaxxa, f'żona tal-ħwienet madwar 250 kilometru lejn il-Lvant ta' Kuala Lumpur, fil-21 ta' Awissu. Hija kienet toħroġ biss darba kuljum għal kwarta, anke jekk kemm-il darba ngidmet mill-iskorpjuni.

### Tmut ta' 105 minkejja s-sigaretti li pejpet

Staff mediku ta' ġieħ lil mara ta' 105 snin li kienet ilha tpejjep minn mindu kellha 15-il sena billi kkremawha flimkien ma' pakkett sigaretti. Ħdejn il-qabar tagħha poġġewlha kuruna kbira tal-fjuri f'forma ta' sigarett. Marie Ellis, li mietet b'kawża naturali fid-dar ta' l-anzjani f'Eaton Lodge f'Kent fil-bidu ta' Diċembru, ġiet ikkremata, b'pakkett sigaretti Benson & Hedges f'idejha. Minbarra li kienet tpejjep mal-15-il sigarett kuljum, hi kienet magħrufa fost l-istaff għall-ikel ħażin għas-saħħa li kienet tiekol, għaz-zokkor fis-soppa li kienet tieħu, u dejjem kienet titlob tliet kuċċarini zokkor fil-kafè tagħha.

### Tagħlaq 100 sena u tirbaħ imħatra ta' £12,650

Mara fl-Ingilterra mistennija tiġbor ċekk għal 12,650 lira sterlina li hija rebħet f'imħatra li kienet saret li hija tgħix sa mitt sena. Il-mara, Rosalind Strover minn Sudbury, f'Suffolk fil-Lvant ta' l-Ingilterra, qiegħda tippjana li tiċċelebra għeluq sninha mal-familja fi *club* tal-*golf* fil-qrib.Minbarra s-soltu messaġġ ta' ferħ mir-Reġina Elizabetta ta' l-Ingilterra, Strover se tirċievi wkoll iċ-ċekk li rebħet mingħand il-kumpanija ta' l-imħatri William Hill wara li għaxar snin ilu l-mara ta' binha kienet għamlet imħatra li l-kunjata tilħaq tagħlaq il-mija.



### GĦALL-BELT BIL-FERROVIJA!

Le, mhix ħolma! Darba kienet realtà. Fis-snin 80 tas-seklu 19 daħlet f'Malta it-tren timxi fuq il-linji tal-ħadid, taħdem bl-istim, u kienu jsejħulha l-vapur ta' l-art. Kienet taħdem bejn il-Belt Valletta u l-Imdina, u tgħaddi minn fuq pontijiet u minn ġo mini. Waqfet taħdem fil-bidu tas-snin 30.


Gozo's finest,
Nature's best
limuncell
The liquer made 100% from lemons grown in Gozo.
Gigantija
Premium extra virgin olive oil produced from the finest olives pressed in Gozo.
Gozo Cottage
Gigantija
premium extra virgin olive oil
25cl
limunċell
of Gozo
Lemon Liquer
26% vol
50cl
GOZO COTTAGE
GENUINE PRODUCE OF GOZO
TRADE ENQUIRIES: +356 9922 4114 | E-MAIL: info@gozocottage.com

# Djamanti ta' Għawdex

Ritratti mill-kollezzjoni ta' Dr. Mario Saliba



Ta' Lourdes



San Blas